Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ID-DIRETTIVA 94/25/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ġunju 1994

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dgħajjes illi jintużaw għar-rikreazzjoni

(ĠU L 164, 30.6.1994, p. 15)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva 2003/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003	L 214	18	26.8.2003
►**M2**	Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003	L 284	1	31.10.2003

▼B

ID-DIRETTIVA 94/25/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ġunju 1994

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dgħajjes illi jintużaw għar-rikreazzjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mingħand il-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189b tat-Trattat ([3]),

Billi s-suq intern għandu jkun magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni illi fiha l-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital jiġi żgurat;

Billi l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fid-diversi Stati Membri dwar il-karatteristiċi tas-sigurtà tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni jvarjaw fil-kamp ta' l-applikazzjoni u fil-kontenut; billi dan in-nuqqas ta' qbil bejniethom jista' joħloq ostakoli għall-kummerċ u kondizzjonijiet mhux ugwali tal-kompetizzjoni fis-suq intern;

Billi l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali hi l-uniku mod sabiex jitneħħew dawn l-ostakoli għall-kummerc liberu; billi dan il-għan ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri individwali; billi din id-Direttiva tistabilixxi biss il-ħtiġiet vitali għall-moviment ħieles tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni;

Billi din id-Direttiva għandha tkopri biss id-dgħajjes tar-rikreazzjoni ta' tul mimimu ta' 2,5 m u tul massimu ta' 24 m, stabbiliti mill-istandards ta' l-ISO;

Billi t-tneħħija ta' l-ostakoli tekniċi fil-qasam tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni u l-komponenti tagħhom, safejn ma jkunux jistgħu jitneħħew permezz tar-rikonoxximent reċiproku ta' l-ekwivalenza bejn l-Istati Membri kollha, għandha ssegwi l-approċċ il-ġdid stabbilit fir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 ([4]) illi ssejjaħ għat-tifsira tal-ħtiġiet essenzjali tas-sigurtà u aspetti oħra illi huma importanti għall-benesseri ġenerali; billi l-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 100a jipprovdi illi, fil-proposti tagħha dwar is-saħħa, is-sigurtà, il-protezzjoni ta' l-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur, il-Kummissjoni ser tieħu bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni; billi l-ħtiġiet essenzjali jikkostitwixxu l-kriterji li magħhom għandhom jikkonformaw id-dgħajjess tar-rikreazzjoni, id-dgħajjes parzjalment lesti u l-komponenti tagħhom meta jkunu separati u meta jkunu installati;

Billi, għalhekk, din id-Direttiva tistabbilixxi l-ħtiġiet essenzjali biss; billi, sabiex jiġi ffaċilitat il-kompitu tal-prova tal-konformità mal-ħtiġiet essenzjali, standards armonizzati Ewropej huma meħtieġa għad-dgħajjes tar-rikreazzjoni u l-komponenti tagħhom kif imsemmija fl-Anness II; billi l-istandards armonizzati Ewropej huma mfassla minn korpi privati u għandhom iżommu l-istatus mhux obbligatorju tagħhom; billi, għal dan l-iskop, il-Kumitat Ewropew ta' l-Istandardizzazzjoni (CEN) u l-Kumitat Ewropew ta' l-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) huma rikonoxxuti bħala l-korpi kompetenti sabiex jadottaw standards armonizzati li jsegwu l-linji gwida ġenerali għall-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni

([1]) ĠU C 123, tal-15.5.1992, p. 7.
([2]) ĠU C 313, tat-30.11.1992, p. 38.
([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Novembru 1992 (ĠU C 337, tal-21.12.1992, p. 17), il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1993, (ĠU C 137, tad-19.5.1994, p. 1); Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 (ĠU C 91, tat-28.3.1994).
([4]) ĠU C 136, ta' l-4.6.1985, p. 1.

▼B

u dawn iż-żewġ korpi, iffirmati fit-13 ta' Novembru 1984; billi, għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, standard armonizzat huwa speċifikazzjoni teknika (Standard Ewropew jew dokument ta' l-armonizzazzjoni) adottat minn wieħed jew l-ieħor minn dawn il-korpi, jew mit-tnejn li huma, fuq is-suġġeriment tal-Kummissjoni skond id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' l-informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi ([1]) u skond il-linji gwida ġenerali msemmija hawn fuq;

Billi, minħabba n-natura tar-riskji involuti fl-użu tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni u l-komponenti tagħhom, jeħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri li japplikaw għall-istima tal-konformità mal-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva; billi dawn il-proċeduri għandhom jiġu mfassla fid-dawl tal-livell tar-riskju li jista' jkun hemm marbut mad-dgħajjes tar-rikreazzjoni u l-komponenti tagħhom; billi, għalhekk, kull kategorija ta' konformità għandha tiġi supplimentata bi proċedura xierqa jew għażla bejn diversi proċeduri ekwivalenti; billi l-proċeduri adottati jikkonformaw mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' stima tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika ([2]);

Billi l-Kunsill ipprovda għat-twaħħil tal-marka CE mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ġewwa l-Komunità; billi din il-marka tfisser li d-dgħajjes tar-rikreazzjoni u l-komponenti tagħhom jikkonformaw mal-ħtiġiet essenzjali u l-proċeduri ta' l-stima kollha stabbiliti mill-liġi tal-Komunità li tapplika għall-prodott;

Billi hu xieraq illi l-Istati Membri, kif ipprovdut fl-Artikolu 100a(5) tat-Trattat, jistgħu jieħdu miżuri provviżorji sabiex jillimitaw jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq u l-użu tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni jew il-prodotti kostitwenti tagħhom fil-każijiet fejn dawn ikunu ta' riskju partikolari għas-sigurtà tal-persuni u, fejn ikun xieraq, ta' l-annimali domestiċi jew tal-proprjetà, basta li dawn il-miżuri jkunu suġġetti għal proċedura ta' kontroll tal-Komunità;

Billi r-reċipjenti ta' kull deċiżjoni meħuda bħala parti minn din id-Direttiva għandhom ikunu jafu r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni u l-mezzi ta' appell li jkunu disponibbli għalihom;

Billi jeħtieġ illi jiġi pprovdut arranġament transitorju illi jippermetti li d-dgħajjes tar-rikreazzjoni u l-komponenti tagħhom iffabbrikati b'konformità mar-regolamenti nazzjonali fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva jitqiegħdu fis-suq u mqiegħda fis-servizz;

Billi din id-Direttiva ma fiha l-ebda dispożizzjoni maħsuba sabiex tillimita l-użu tad-dgħajsa tar-rikreazzjoni wara li tkun iddaħħlet fis-servizz;

Billi l-kostruzzjoni tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni jista' jkollha impatt fuq l-ambjent sal-punt illi mid-dgħajsa jistgħu joħorġu sustanzi li jniġġsu; billi għalhekk huwa meħtieġ illi jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent fid-Direttiva, safejn dawn id-dispożizzjonijiet għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni mill-aspett ta' l-impatt dirett tagħhom fuq l-ambjent;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx jaffettwaw id-dritt ta' l-Istati Membri li jistabilixxu, b'konformità mat-Trattat, dawk il-ħtiġiet li huma jqisu meħtieġa dwar in-navigazzjoni f'ċerti ilmijiet għall-iskop tal-protezzjoni ta' l-ambjent, ta' l-istruttura tal-passaġġi ta' l-ilma u l-assigurazzjoni tas-sigurtà fil-passaġġi ta' l-ilma, sakemm dan ma jfissirx illi d-dgħajjes tar-rikreazzjoni jiġu mmodifikati b'mod mhux speċifikat f'din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

([1]) ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8. Id-Direttiva l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/182/KEE (ĠU L 81, tas-26.3.1988, p. 75).
([2]) ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 23.

▼B

Il-KAPITOLU I

▼M1

L-Artikolu 1

Il-Qasam ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din id-Direttiva għandha tapplika:

(a) fir-rigward tad-diżinn u l-kostruzzjoni, għal:

(i) dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u dgħajjes parzjalment kompletati;

(ii) dgħajjes personali;

(iii) komponenti msemmija fl-Anness II meta mqiegħda fis-suq Komunitarju separatament u meta maħsuba għal installazzjoni;

(b) fir-rigward ta' emissjonijiet ta' l-ispurgar, għal:

(i) magni ta' propulsjoni li huma installati jew speċifikament maħsuba għal installazzjoni fuq jew f'dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u dgħajjes personali;

(ii) magni ta' propulsjoni installati fuq jew f'dawn id-dgħajjes li huma soġġetti għal "modifika maġġuri tal-magna";

(ċ) fir-rigward ta' emissjonijiet ta' storbju, għal:

(i) dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni b'magni li jinsaqu mill-poppa mingħajr spurgar integrali jew installazzjonijiet abbord l-magna;

(ii) dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni b'magni li jinsaqu mill-poppa mingħajr spurgar integrali jew b'installazzjonijiet abbord ta' propulsjoni li huma soġġetti għal konverżjoni maġġuri tad-dagħjsa u sussegwentement imqiegħda fis-suq Komunitarju fi żmien ħames snin wara l-konverżjoni;

(iii) dgħajjes personali;

(iv) magni esterjuri u magni li jinsaqu mill-poppa bi spurgar integrali maħusba għal installazzjoni fuq dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni;

(d) għal prodotti li jaqgħu taħt (a)(ii), (b) u (ċ), id-disposizzjonijeit ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss mill-ewwel tqegħid fis-suq u/jew tqegħid fis-servizz wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

2. Dan li ġej għandu jiġi eskluż mill-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva:

(a) fir-rigward tal-paragrafu 1(a):

(i) dgħajjes maħsuba biss għat-tlielaq, inklużi dgħajjes tat-tlielaq bil-qdief u dgħajjes bil-qdief għat-taħriġ, ittikkettati hekk mill-fabbrikant;

(ii) kenuri u kayakki, gondoli u pedali;

(iii) *surfboards* bil-qlugħ;

(iv) *surfboards*, inklużi *surfboards* b'magna;

(v) dgħajjes storiċi oriġinali u repliki individwali tagħhom iddiżinjati qabel l-1950, mibnija b'mod predominanti bil-materjali oriġinali u ttikkettati hekk mill-fabbrikant;

(vi) dgħajjes sperimentali, sakemm mhumiex sussegwentement imqiegħda fis-suq Komunitarju;

(vii) dgħajjes mibnija għall-użu proprju, sakemm mhumiex sussegwentement imqiegħda fis-suq Komunitarju tul perjodu ta' ħames snin;

▼**M1**

(viii) dgħajjes maħsuba speċifikament sabiex jiġu mgħammra b'ekwipaġġ u jittrasportaw passiġġieri għal skopijiet kummerċjali, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3(a), b'mod partikolari dawk definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE ta' l-4 ta' Ottubru 1982 li tistabbilixxi ħtiġiet tekniċi għal bastimenti fuq passaġġi ta' l-ilma interni ([1]), minkejja x'ikun in-numru tal-passiġġieri;

(ix) sommersibili;

(x) vetturi bil-kuxxinett ta' l-arja;

(xi) hydrofoils;

(xii) dgħajjes ta' kombustjoni esterna misjuqa bil-fwar, b'karburanti ta' faħam, coke, injam, żejt jew gass;

(b) fir-rigward tal-paragrafu 1(b):

(i) magni ta' propulsjoni installati jew speċifikament maħsuba għal installazzjoni fuq dawn li ġejjin:

— dgħajjes maħsuba biss għat-tlielaq u ttikketati b'dan il-mod mill-fabbrikant,

— dgħajjes sperimentali, sakemm mhumiex sussegwentement imqiegħda fis-suq Komunitarju,

— dgħajjes maħsuba speċifikament biex jiġu mgħammra bl-ekwipaġġ u biex jittrasportaw passiġġieri għal skopijiet kummerċjali, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3(a), b'mod partikolari dawk definiti fid-Direttiva 82/714/KEE, ikun x'ikun in-numru ta' passiġġieri,

— sommersibili,

— vetturi b'kuxxinetti ta' l-arja,

— hydrofoils;

(ii) repliki oriġinali u individwali ta' magni storiċi ta' propulsjoni, li huma bbażati fuq diżinn qabel is-snin 1950, mhux prodotti fis-serje u mgħammra fuq dgħajjes imsemmija fil-paragrafu 2 (a)(v) u (vii);

(iii) magni ta' propuksjoni mibnija għal użu proprju sakemm ma jitqiegħdux sussegwentement fis-suq Komunitarju tul perjodu ta' ħames snin;

(ċ) fir-rigward tal-paragrafu 1(ċ):

— id-dgħajjes kollha msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu,

— dgħajjes mibnija għal użu proprju, sakemm mhumiex sussegwentement imqiegħda fis-suq Komunitarju tul perjodu ta' ħames snin.

3. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni": kwalunkwe dagħjsa ta' kwalunkwe tip maħsuba għal sports u skopijiet ta' rikreazzjoni ta' buq ta' tul minn 2,5 m sa 24 m, imkejjel skond l-*istandard* armonizzat, minkejja x'inhuma l-mezzi ta' propulsjoni; il-fatt li l-istess dagħjsa tista' tintuża għal *charter* jew għal taħriġ ta' użu għal rikreazzjoni m'għandux iżommha milli tiġi koperta b'din id-Direttiva meta titqiegħed fis-suq Komunitarju għal skopijiet ta' rikreazzjoni;

(b) "dgħajjes personali": dagħjsa inqas minn 4 m fit-tul li tuża magna interna ta' kombustjoni li għandha pompa ta' l-ilma jet bħala l-fonti primarja tagħha ta' propulsjoni u maħsuba sabiex tiġi operata minn persuna jew persuni bil-qiegħda, bil-wieqfa jew għarkubbtejhom, iktar milli fil-konfini ta' buq;

([1]) ĠU L 301, tat-28.10.1982, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994

▼M1

(ċ) ”magna ta’ propulsjoni”: kwalunkwe magna ta’ kombustjoni interna, b’spark ignition jew bil-kompressjoni użat għal skopijiet ta’ propulsjoni, inkluż sewqan mill-poppa b’magna abbord ta’ żewġ ċikli jew b’erba’ ċikli bi spurgar integrali jew mingħajru u magni esterjuri;

(d) ”modifika maġġuri tal-magna”: il-modifika tal-magna li:

— tista’ potenzjalment tikkawża li l-magna teċċedi l-limiti ta’ emissjoni stabbiliti fl-Anness I. B. eskluża s-sostituzzjoni ta’ rutina ta’ komponenti tal-magna li ma jalterawx il-karatteristiċi ta’ emissjoni, jew

— iżżid il-qawwa tal-magna b’iktar minn 15 %;

(e) ”konverżjoni maġġuri tad-dagħjsa”: koverżjoni ta’ dagħjsa li:

— tbiddel il-mezz ta’ propulsjoni tad-dagħjsa,

— tinvolvi modifika maġġuri tal-magna,

— tagħmel bdil fid-dagħjsa b’tali mod li tiġi kkunsidrata dagħjsa ġdida;

(f) ”mezz ta’ propulsjoni”: il-metodu mekkaniku li permezz tiegħu tinsaq id-dagħjsa, b’mod partikolari skruni marini jew sistemi mekkaniċi ta’ sewqan bil-jet ta’ l-ilma;

(g) ”il-familja tal-magna”: it-tqassim ta’ l-magni mill-fabbrikant, li, permezz tad-diżinn tagħhom, huma mistennija jkollhom karatteristiċi simili ta’ spurgar u li jikkonformaw mal-ħtiġiet ta’ emissjoni ta’ din id-Direttiva;

(h) ”fabbrikant”: kwalunkwe persuna fiżika jew guridila li tiddiżinja u tiffabbrika prodott kopert minn din id-Direttiva jew li għandha prodott ta’ dan it-tip iddiżinjat u/jew iffabbrikat b-iskop li jitqiegħed fis-suq għan-nom tagħha;

(i) ”rappreżentant awtorizzat”: kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li rċeviet mandat bil-miktub mill-fabbrikant sabiex taġixxi għan-nom tiegħu fir-rigward ta’ l-obbligu ta’ dan ta’ l-aħħar taħt din id-Direttiva.

▼B

L-Artikolu 2

Tqegħid fis-suq u dħul fis-servizz

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq u mdaħħla fis-servizz b’mod konformi ma’ l-iskop li għalih kienu maħsuba biss jekk ma jqegħdux fil-periklu s-sigurtà u s-saħħa tal-persuni, tal-proprjetà jew ta’ l-ambjent meta mibnija u mantenuti b’mod korrett.

2. Id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva m’għandhomx iwaqqfu lill-Istati Membri milli jadottaw, b’mod konformi mat-Trattat, dispożizzjonijiet li jikkonċernaw in-navigazzjoni f’ċerti ilmijiet għall-iskop tal-protezzjoni ta’ l-ambjent, ta’ l-istruttura tal-passaġġi ta’ l-ilma, u sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-passaġġi ta’ l-ilma, basta li dan ma jeħtieġx il-modifika tad-dgħajjes illi jikkonformaw ma’ din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Ħtiġiet essenzjali

Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet tas-sigurtà, tas-saħħa, tal-protezzjoni ambjentali u tal-protezzjoni tal-konsumatur stabbiliti fl-Anness I.

▼M1

L-Artikolu 4

Il-moviment liberu ta’ prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)

1. Stati Membri m’għandhomx jipprojbixxu, jirrestriġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq u/jew id-dħul fis-servizz fit-territorju tagħhom ta’ prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) bil-marka KE msemmija fl-

▼M1

Anness IV, li tindika l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva, inklużi l-proċeduri ta' konformità stabbiliti fil-Kapitolu II.

2. Stati Membri m'għandhomx jipprojbixxu, jirrestriġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' dgħajjes parzjalment kompletati meta l-bennej jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità jew il-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq jiddikjaraw, skond l- Annex IIIa, li huma maħsuba sabiex jiġu kompletati minn oħrajn.

3. Stati Membri m'għandhomx jipprojbixxu, jirrestriġu jew jimpedixxu it-tqegħid fis-suq u/jew id-dħul fis-servizz ta' komponenti msemmija fl-Anness II u li jkollhom il-marka KE msemmija fl-Anness IV li tindika l-konformità tagħhom mal-ħtiġiet rilevanti essenzjali meta dawn il-komponenti jkollhom magħhom dikjarazzjoni bil-miktub ta' konformità kif previst fl-Anness XV u huma maħsuba sabiex jiġu inkorporati f'dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni, skond id-dikjarazzjoni msemmija fl-Anness IIIb, tal-fabbrikant, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità jew, fil-każ ta' importazzjonijiet minn pajjiż terz, ta' kwalunkwe persuna li tqiegħed dawn il-komponenti fis-suq Komunitarju.

4. Stati Membri m'għandhomx jipprojbixxu, jirrestriġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq u/jew id-dħul fis-servizz ta':

— magni abbord u magni ta' propulsjoni li jinsaqu mill-poppa mingħajr spurgar integrali,

— magni approvati skond it-tip skond id-Direttiva 97/68/KE ([1]) li huma in konformità ma' l-istadju II previst fis-sezzjoni 4.2.3 ta' l-Anness I ma' dik id-Direttiva u ta',

— magni approvati skond it-tip skond id-Direttiva 88/77/KEE ([2]);

meta l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità jiddikjaraw skond l-Anness XV.3 li l-magna tissodisfa l-ħtiġiet ta' emissjoni ta' din id-Direttiva, meta installat f'dagħjsa ta' rikreazzjoni jew dagħjsa personali skond l-istruzzjonijiet forniti tal-fabbrikant.

5. F'fieri, wirjiet, eżibizzjonijiet, eċċ. l-Istati Membri m'għandhomx jikkreaw ostakoli għall-wiri tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva, sakemm hemm sinjal viżibbli li jindika li dawn il-prodotti ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jew itqiegħdu fis-servizz sakemm ma jikkonformawx.

6. Meta l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) huma soġġetti għal Direttivi oħra li jkopru aspetti oħra u li jipprovdu għat-twaħħil ta' l-immarkar KE, dan ta' l-aħħar għandu jindika li dawn il-prodotti huma wkoll preżunti li jikkonformaw mad-disposizzjonijeit ta' dawk id-Direttivi l-oħra. L-immarkar KE għandu jindika konformità mad-Direttivi applikabbli jew partijiet rilevanti tagħhom. F'dan il-każ, id-dettalji tad-Direttivi msemmija applikati mill-fabbrikant, kif ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom jingħataw fid-dokumenti, id-dikjarazzjoni ta' konformità jew l-istruzzjonijiet meħtieġa bid-Direttivi u li jkunu ma' dawn il-prodotti.

([1]) Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw għal miżuri kontra l-emissjoni ta' pollutanti gassużi u ta' partikolati minn inġenji ta' kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq (ĠU L 59, tas-27.2.1998, p. 1). Id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/63/KE (ĠU L 227, tat-23.8.2001, p. 41).

([2]) Council Directive 88/77/EEC of 3 December 1987 on the approximation of the laws of the Member States relating to the measures to be taken against the emission of gaseous and particulate pollutants from compression ignition engines for use in vehicles, and the emission of gaseous pollutants from positive ignition engines fuelled with natural gas or liquefied petroleum gas for use in vehicles (OJ L 36, 9.2.1988, p. 33). Directive as last amended by Commission Directive 2001/27/EC (OJ L 107, 18.4.2001, p. 10).

▼B

L-Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jippreżumu l-konformità mal-ħtiġiet essenzjali msemmija fl-Artikolu 3 tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) li jissodisfaw l-istandards nazzjonali relevanti adottati skond l-istandards armonizzati li l-partikolajiet tagħhom ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*; l-Istati Membri għandhom jippubblikaw ir-referenzi ta' dawn l-istandards nazzjonali.

L-Artikolu 6

1. Fejn Stat Membru jew il-Kummissjoni jkunu ta' l-opinjoni li l-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 5 ma jissodisfawx għal kollox il-ħtiġiet essenzjali msemmija fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru għandhom jinnotifikaw lill-kumitat imwaqqaf skond id-Direttiva 83/189/KEE, u jagħtu r-raġunijiet tagħhom. Il-kumitat għandu jagħti opinjoni b'mod urġenti.

Fid-dawl ta' l-opinjoni tal-kumitat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri jekk l-istandards ikkonċernati għandhomx jiġu rtirati mill-pubblikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta kull miżura xierqa bl-għan illi tiżgura li din id-Direttiva tiġi applikata b'mod prattiku u uniformi skond il-paragrafu 3.

▼M2

3. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat Permanenti (minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Kumitat".).

Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([1]) għandhom ikunu applikabli, wara li jkunu kkunsidrati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu.

▼B

4. Il-Kumitat Permanenti jista', barra minn hekk, jeżamina kull kwistjoni li għandha x'taqsam ma' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva illi tiġi mqajma mill-president tiegħu fuq l-inizzjattiva personali tiegħu jew fuq it-talba ta' Stat Membru.

▼M1

L-Artikolu 6a

Il-Proċedura tal-Kumitat

1. Emendi li huma neċessarji, fid-dawl ta' l-evoluzzjoni ta' tagħrif tekniku u evidenza xjentifika ġdida, għall-ħtiġiet ta' l-Anness I. B.2 u l-Anness I. C.1 esklużi modifiki diretti jew indiretti għal valuri ta' emissjoni ta' spurgar jew storbju u għall-valuri ta' proporzjon Froude u P/D għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni assistita mill-Kumitat Permanenti stabbilit skond l-Artikolu 6(3), waqt li jaġixxi bħala kumitat regolatorju skond il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2. Kwistjonijiet li għandhom jiġu trattati għandhom jinkludu l-karburanti ta' referenza u l-*istandards* li għandhom jintużaw għal l-ittestjar ta' emissjonijiet ta' spurgar u storbju.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b'qies għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tlett xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-poteri ta' l-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.)

▼B

L-Artikolu 7

Klawsola ta' Salvagwardja

▼M1

1. Meta Stat Membru jaċċerta li prodotti li jaqgħu fil-qasam ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 1 u li għandhom l-immarkar KE imsemmi fl-Anness IV, meta ddiżinjati tajjeb, mibnija, installati meta approprjat, mantnuti u wżati skond l-iskop intiż tagħhom jistgħu jipperikolaw is-sigurtà u s-saħħa ta' persuni, proprjetà jew l-ambjent, għandu jieħu miżuri interim approprjati sabiex jirtirhom mis-suq jew jipprojbixxi jew jirrestringi t-tqegħid tagħhom fis-suq u/jew id-dħul tagħhom fis-servizz.

▼B

L-Istat Membru għandu minnufih jinforma lill-Kummissjoni b'kull miżura ta' din ix-xorta u jindika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, b'mod partikolari meta n-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta':

(a) in-nuqqas ta' konformità mal-ħtiġiet essenzjali msemmija fl-Artikolu 3;

(b) l-applikazzjoni mhix korretta ta' l-istandards imsemmija fl-Artikolu 5, fejn ikun affermat illi dawn l-istandards ikunu ġew applikati;

(ċ) nuqqasijiet fl-istandards infushom imsemmija fl-Artikolu 5.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati kemm jista' jkun malajr. Fejn, wara din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni ssib illi:

— il-miżuri huma ġġustifikati, għandha minnufih tinforma b'dan lill-Istat Membru li jkun ħa l-inizzjattiva u lill-Istati Memrbi l-oħra; fejn id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 hi attribwita għal nuqqasijiet fl-istandards, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati, tressaq il-kwistjoni quddiem il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 6(1) fi żmien xahrejn, jekk l-Istat Membru illi jkun ħa d-deċiżjoni jkun beħsiebu jżommha, u għandha tibda l-proċedura imsemmija fl-Artikolu 6(1),

— il-miżuri mhumiex iġġustifikati, għandha minnufih tinforma b'dan lill-Istat Membru li jkun ħa l-inizzjattiva u lill-fabbrikant jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità.

▼M1

3. Meta prodott li ma jikkonformax imsemmi fl-Artikolu 1 ikollu l-marka KE, il-miżuri approprjati għandhomjittieħdu mill-Istat Membru li għandu awtorità fuq min ikun waħħal il-marka; dak l-Istat Membru għandu jinfroma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

▼B

4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura illi l-Istati Membri jinżammu infurmati bil-progress u r-riżultat ta' din il-proċedura.

Il-KAPITOLU II

Stima tal-konformità

▼M1

L-Artikolu 8

1. Qabel it-tqegħid fis-suq, u/jew id-dħul fis-servizz, tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandhom japplikaw il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

Fil-każ ta' stima wara l-kostruzzjoni għal dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni, jekk la l-fabbrikant u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità ma jissodisfaw ir-responsabbiltajiet għall-konformità tal-prodott ma' din id-Direttiva, din tista tiġi assunta minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li tqiegħed il-prodott fis-suq, u/jew tqiegħdu fis-servizz, taħt ir-responsabbiltà proprja tagħha. F'dan il-każ, il-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq jew tqiegħdu fis-servizz għandha tippreżenta applikazzjoni għal rapport wara l-kostruzzjoni lil korp notifikat. Il-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq

▼**M1**

u/jew tqiegħdu fis-servizz għandha tipprovdi lill-korp notifikat bi kwalunkwe dokument disponibbli u fajl tekniku li jirreferi għall-ewwel tqegħid fis-suq tal-prodott fil-pajjiż ta' l-oriġini. Il-korp notifikat għandu jeżamina il-prodott individwali u jwettaq kalkoli u stimi oħra sabiex jassigura il-konformità ekwivalenti tiegħu mal-ħtiġiet rilevanti tad-Direttiva. F'dan il-każ, il-pjanċa tal-Bennej deskritta fl-Anness I, 2.2 għandha tinkludi l-kliem ("Ċertifikat ta' wara l-Kostruzzjoni";). Il-korp notifikat għandu jfassal rapport ta' konformità li jikkonċerna l-istima mwettqa u għandu jinforma lill-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq u/jew tqiegħdu fis-servizz bl-obbligi tagħha. Dik il-persuna għandha tfassal dikjarazzjoni ta' konformità (ara l-Anness XV) u twaħħal, jew iġġiegħel li titwaħħal, il-marka KE b'magħha in-numru ta' distinzjoni tal-korp rilevanti notifikat fuq il-prodott.

2. Fejn jidħlu d-diżinn u l-kostruzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(a), il-fabbrikant tad-dagħjsa jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbiliti fil-Komunità għandhom japplikaw il-proċeduri li ġejjin għal kategoriji tad-diżinn tad-dgħajjes A, B, Ċ u D kif imsemmija fis-sezzjoni 1 ta' l-Anness I. A:

(a) għall-kategoriji A u B:

(i) għal dgħajjes minn 2,5 m sa 12 m tul tal-buq: il-kontroll intern ta' produzzjoni kif ukoll testijiet (modulu Aa) imsemmija fl-Anness VI, jew l-eżami tat-tip KE (modulu B) kif deskritt fl-Anness VII, supplimentati b'konformità għat-tip (modulu Ċ) imsemmija fl-Anness VIII, jew kwalunkwe waħda mill-moduli li ġejjin: B + D, jew B + E, jew B + F, jew G jew H;

(ii) għal dgħajjes minn 12 m sa 24 m tul tal-buq: l-eżami tat-tip KE (modulu B) imsemmi fl-Anness VII supplimentat b'konformità għat-tip (modulu Ċ) imsemmi fl-Anness VIII, jew kwalunkwe mill-moduli li ġejjin: B + D, jew B + E, jew B + F, jew G jew H;

(b) għall-kategorija Ċ:

(i) għal dgħajjes minn 2,5 m sa 12 m tul tal-buq:

— meta hemm konformità ma' l-*istandards* armonizzati li jirrelataw għas-Sezzjonijiet 3.2 u 3.3 ta' l-Anness I. A: il-kontroll intern tal-produzzjoni (modulu A), imsemmi fl-Anness V, jew il-kontroll intern tal-produzzjoni kif ukoll testijiet (modulu Aa) imsemmi fl-Anness VI, jew l-eżami tat-tip KE (modulu B) kif deskritt fl-Anness VII, supplimentat b'konformità għat-tip (modulu Ċ) imsemmi fl-Anness VIII, jew kwalunkwe mill-moduli li ġejjin: B + D, jew B + E, jew B + F, jew G, jew H,

— meta ma jkunx hemm konformità ma' l-*istandards* armonizzati li jirrelataw għas-Sezzjonijiet 3.2 u 3.3 ta' l-Annex I. A: il-kontroll intern tal-produzzjoni kif ukoll it-testijiet (modulu Aa) imsemmi fl-Anness VI, jew l-eżami tat-tip KE (modulu B) kif deskritt fl-Anness VII, supplimentat b'konformità għat-tip (modulu Ċ) imsemmi fl-Anness VIII, jew kwalunkwe mill-moduli li ġejjin: B + D, jew B + E, jew B + F, jew G, jew H;

(ii) għal dgħajjes minn 12 m sa 24 m tul tal-buq: l-eżami tat-tip KE (modulu B) msemmi fl-Anness VII b'warajh konformità għat-tip (modulu Ċ) imsemmi fl-Anness VIII, jew kwalunkwe mill-moduli li ġejjin: B + D, jew B + E, jew B + F, jew G jew H;

(ċ) għall-kategorija D:

għal dgħajjes minn 2,5 m sa 24 m tul tal-buq: il-kontroll intern tal-produzzjoni (modulu A) msemmi fl-Anness V, jew il-kontrol intern tal-produzzjoni kif ukoll testijiet (modulu Aa) imsemmi fl-Anness VI, jew l-eżami tat-tip KE (modulu B) kif deskritt fl-Anness VII, issupplimentat b'konformità għat-tip (modulu Ċ) imsemmi fl-Anness VIII, jew kwalunkwe mill-moduli li ġejjin: B + D, jew B + E, jew B + F jew G jew H;

(d) għal dgħajjes personali:

▼**M1**

il-kontroll intern ta' produzzjoni (modulu A) msemmi fl-Anness V, jew il-kontroll intern tal-produzzjoni kif ukoll testijiet (modulu Aa) imsemmija fl-Anness VI, jew l-eżami tat-tip KE (modulu B) kif deskritt fl-Anness VII b'warajh konformità għat-tip (modulu Ċ) imsemmi fl-Anness VIII, jew kwalunkwe mill-moduli li ġejjin: B + D, jew B + E, jew B + F, jew G jew H;

(e) għal komponenti msemmija fl-Anness II: kwalunkwe mill-moduli li ġejjin: B + Ċ, jew B + D, jew B + F, jew G jew H.

3. Fir-rigward ta' emissjonijiet ta' spurgar:

għal prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(b), il-fabbrikant tal-magna jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu japplika l-eżami tat-tip KE (modulu B) kif deskritt fl-Anness VII b'warajhom konformità għat-tip (modulu Ċ) imsemmi fl-Anness VIII, jew kwalunkwe mill-moduli li ġejjin: B + D, jew B + E, jew B + F, jew G jew H.

4. Fir-rigward ta' emissjonijiet ta' storbju:

(a) għal prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(ċ)(i) u (ii), il-fabbrikant tad-dagħjsa jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandhom japplikaw:

(i) meta t-testijiet jitmexxew bl-użu ta' l-*istandard* armonizzat [1] għal kejl ta' l-istorbju: jew kontroll intern tal-produzzjoni kif ukoll testijiet (modulu Aa) imsemmija fl-Anness VI, jew verifika ta' unità (modulu G) imsemmi fl-Anness XI, jew assigurazzjoni sħiħa ta' kwalità (modulu H) imsemmi fl-Anness XII;

(ii) meta n-numru Froude u l-metodu tal-proporzjon ta' l-ispajazzament tal-qawwa jintużaw għal stima: jew il-kontroll intern tal-produzzjoni (modulu A) imsemmi fl-Anness V, jew il-kontroll intern tal-produzzjoni kif ukoll testijiet (modulu Aa) imsemmi fl-Anness VI, jew verifika ta' l-unità (modulu G) imsemmi fl-Anness XI, jew assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità (modulu H) imsemmi fl-Anness XII;

(iii) meta *data* tad-dgħajjes ċertifikata ta' referenza, stabbilita skond il-punt (i), tintuża għal stima: jew kontroll intern ta' produzzjoni (modulu A) imsemmi fl-Anness V, jew kontroll intern ta' produzzjoni kif ukoll ħtiġiet supplimentari (modulu Aa) imsemmi fl-Anness VI, jew verifika ta' unità (modulu G) imsemmi fl-Anness XI, jew assigurazzjoni kompleta ta' kwalità (modulu H) imsemmija fl-Anness XII;

(b) għal prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(ċ)(iii) u (iv), id-dagħjsa personali/il-fabbrikant tal-magna jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbiliti fil-Komunità għandhom japplikaw: kontroll intern tal-produzzjoni kif ukoll ħtiġiet supplimentari msemmija fl-Anness VI (modulu Aa) jew il-modulu G jew H.

▼**B**

L-Artikolu 9

Korpi nnotifikati

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra il-korpi li huma jkunu ħatru sabiex jagħmlu x-xogħol relatat mal-proċeduri ta' l-istima tal-konformità imsemmija fl-Artikolu 8, flimkien mal-kompiti speċifiċi li dawn il-korpi jkunu ġew maħtura sabiex iwettqu u n-numri ta' l-identifikazzjoni mogħtija lilhom minn qabel mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-korpi nnotifikati, flimkien man-numri ta' l-identifikazzjoni li tkun allokat lilhom u l-kompiti li dwarhom ikunu ġew innotifikati, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Għandha tiżgura illi l-lista tinżamm aġġornata.

[1] EN ISO 14509.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIV meta jistmaw il-korpi li għandhom jiġu indikati f'din in-notifika. Il-korpi li jissodisfaw il-kriterji ta' l-istima stabbiliti fl-istandards armonizzati relevanti għandhom ikunu preżunti illi jissodisfaw dawn il-kriterji.

3. Stat membru għandu jirtira l-approvazzjoni tiegħu minn korpi bħaldan jekk jiġi stabbilit illi dan ta' l-aħħar ma baqax jissodisfa il-kriterji msemmija fl-Anness XIV. Għandu minnufih jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-azzjoni tiegħu.

Il-KAPITOLU III

Marka CE

L-Artikolu 10

▼M1

1. Meta l-prodotti li ġejjin jitqiegħdu fis-suq, għandu jkollhom il-marka ta' konformità KE:

(a) dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni, dgħajjes personali u komponenti msemmija fl-Anness II, li huma meqjusa bħala li jissodisfaw il-ħtiġiet essenzjali korrispondenti stabbiliti fl-Anness I;

(b) magni esterjuri li huma meqjusa bħala li jissodisfaw il-ħtiġiet essenzjali stabbiliti fl-Annessi I. B u I.Ċ;

(ċ) magni li jinsaqu mill-poppa bi spurgar integrali li huma meqjusa bħala li jissodisfaw il-ħtiġiet esenzjali stabbiliti fl-Annessi I. B u I. Ċ.

2. Il-marka ta' konformità KE, kif tidher fl-Anness IV, għandha tidher f'forma viżibbli, leġibbli u li ma titħassarx fuq id-dagħjsa u fuq id-dagħjsa personali bħal fil-punt 2.2 ta' l-Anness I. A, fuq komponenti, kif imsemmi fl-Anness II u/jew fuq l-ippakkjar tagħhom, u fuq magni esterjuri u magni li jinsaqu minn wara bi spurgar integrali bħal fil-punt 1.1 ta' l-Anness I. B.

L-immarkar KE għandu jkollu miegħu numru ta' identifikazzjoni tal-korp responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proċeduri stabbiliti fl-Annessi IX, X, XI, XII, u XVI.

3. It-twaħħil ta' mmarkar jew iskrizzjonijiet fuq prodotti koperti b'din id-Direttiva li x'aktarx jiżvijaw lil partijiet terzi fir-rigward tat-tifsira jew tal-forma ta' l-immarkar KE għandu jiġi pprojbit. Kwalunkwe mmarkar ieħor jista' jitwaħħal ma' prodotti koperti b'din id-Direttiva u/jew fuq l-ippakkjar tagħhom sakemm il-viżibbiltà u l-leġibbiltà ta' l-immarkar KE ma jitnaqqasx.

▼B

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7:

(a) fejn Stat Membru jistabilixxi illi l-marka CE tkun twaħħlet ħażin, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jiġi obbligat li jtemm dan il-ksur tar-regolamenti taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru;

(b) fejn in-nuqqas ta' konformità jkompli, l-Istat Membru għandu jieħu kull miżura xierqa sabiex jirrestriġi jew jipprojbixxi it-tqegħid fis-suq tal-prodott ikkonċernat jew sabiex jiżgura illi dan jiġi rtirat mis-suq, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7.

Il-KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet finali

L-Artikolu 11

Raġunijiet dettaljati għandhom jingħataw għal kull deċiżjoni meħuda skond din id-Direttiva li twassal għal xi restrizzjoni tat-tqegħid fis-suq u d-ħul dis-servizz tal-prodotti imsemmija fl-Artikolu 1(1). Il-parti ikkon-

▼B

ċernata għandha tkun infurmata bid-deċiżjoni kemm jista' jkun malajr kif ukoll bir-rimedji disponibbli taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru ikkonċernat u ż-żmien li fih għandhom isiru l-appelli.

L-Artikolu 12

Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura illi t-tagħrif li jaffettwa d-deċiżjonijiet relevanti kollha marbuta ma' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva jkun disponibbli.

L-Artikolu 13

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-16 ta' Diċembru 1995. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonjiet mis-16 ta' Ġunju 1996.

Il-Kumitat Permanenti msemmi fl-Artikolu 6(3) jista' jibda l-kompiti tiegħu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 9 minn din id-data.

Meta L-Istati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jaċċettaw it-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) illi jikkonformaw mar-regoli fis-seħħ fit-territorju tagħhom fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva matul perijodu ta' erba' snin minn dik id-data.

L-Artikolu 14

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 15

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M1

L-ANNESS I

ĦTIĠIET ESSENZJALI

OSSERVAZZJONI PRELIMINARI

Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness il-kelma ”dagħjsa” għandha tkopri dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u dgħajjes personali.

A. **Ħtiġiet essenzjali ta' sigurtà għad-diżinn u l-kostruzzjoni tal-bastiment.**

1. *KATEGORIJI TAD-DIŻINN TAD-DGĦAJJES*

Kategorija tad-diżinn	Il-Forza tar-riħ (l-iskala *Beaufort*)	L-għoli sinifikanti tal-mewġ (H 1/3, metri)
A - ”Oċean”	teċċedi 8	teċċedi 4
B - ”Barra x-xtut”	Sa u tinkludi, 8	Sa u tinkludi, 4
Ċ - ”Ġewwa x-xtut”	Sa u tinkludi, 6	Sa u tinkludi, 2
D - ”Ilmijiet kennija”	Sa u tinkludi, 4	Sa u tinkludi 0,3

▼B

Definizzjonijiet:

▼M1

A. **OĊEAN:** Maħsub għal vjaġġi estiżi fejn il-kondizzjonijiet jistgħu jeċċedi il-forza tar-riħ 8 (skala Beaufort) u għoli sinifikanti ta’ mewġ ta’ 4 m u iktar imma eskluži kondizzjonijiet anormali, u dgħajjes fil-biċċ l-kbira awtosuffiċjenti.

▼B

B. **’L BARRA MIX-XATT:** Iddisinjati għal vjaġġi xi ftit ’il bogħod mill-kosta fejn jistgħu jiġu esperjenzati kondizzjonjiet sal-qawwa tar-riħ ta’ 8 inkluża u l-għoli sinifikattiv tal-mewġ sa 4 m inklużi.

Ċ. **QRIB IX-XATT:** Iddisinjati għal vjaġġi f’ilmijiet qrib il-kosta, f’bajjiet kbar, f’estwarji, f’lagi u fi xmajjar fejn jistgħu jiġu esperjenzati kondizzjonijiet sal-qawwa tar-riħ ta’ 6 inkluża u l-għoli sinifikattiv tal-mewġ sa 2 m inklużi.

▼M1

D. **ILMIJIET IMKENNA:** Maħsuba għal vjaġġi fuq ilmijiet kostali kennija, bajjiet żgħar, lagi żgħar, xmajjar u kanali meta kondizzjonijiet sa, u inkluża l-forza tar-riħ 4 u għoli sinifikanti ta’ mewġ sa, u inkluż, 0,3 m jistgħu jiġu esperjenzjati, b’mewġ okkażjonali ta’ għoli massimu ta’ 0,5 m, per eżempju minn dgħajjes li għaddejjin.

Dgħajjes f’kull Kategorija għandhom jiġu ddiżinjati u jinbnew sabiex jifilħu dawn il-parametri fir-rigward ta’ stabbilità, u l —kapaċità li jżommu f’wiċċ l-ilma , u ħtiġiet essenzjali oħra rilevanti elenkati fl-Anness I, u li kollhom karatteristiċi tajbin ta’ l-immaniġġjar.

▼B

2. *ĦTIĠIET ĠENERALI*

▼M1

Prodotti li jaqgħu taħt l-Artikolu 1(1)(a) għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet essenzjali sa fejn japplikaw għalihom.

▼B

2.1. ►M1 **L-identifikazzjoni tad-dagħjsa** ◄

▼M1

Kull dagħjsa għandha tiġi mmarkata b’numru ta’ identifikazzjoni li jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

▼B

— il-kodiċi tal-fabbrikant,

— il-pajjiż tal-fabbrikazzjoni,

— numru tas-serje uniku,

— is-sena tal-produzzjoni,

— is-sena tal-mudell.

L-istandard armonizzat relevanti jagħti d-dettalji ta' dawn il-ħtiġiet.

2.2. **Il-plakka tal-bennej**

Kull dgħajsa tar-rikreazzjoni għandha ġġorr plakka mwaħħla b'mod permanenti li tkun separata min-numru ta' l-identifikazzjoni tal-buq, li tinkludi t-tagħrif li ġej:

— l-isem tal-fabbrikant,

— il-marka CE (ara l-Anness IV),

— il-kategorija tad-disinn tad-dgħajsa skond it-taqsima I,

▼M1

— it-tagħbija massima rakkomandata tal-fabbrikant derivata mis-sezzjoni 3.6 eskluż il-piż tal-kontenut tat-tankijiet fisi meta mimlija,

▼B

— in-numru ta' persuni rakkomandat mill-fabbrikant li d-dgħajsa tkun ġiet ddisinjata għalbiex ġġorr.

2.3. **Il-protezzjoni mill-waqgħat minn fuq id-dgħajsa għal ġo l-ilma u l-meżżi tat-tlugħ lura.**

Id-dgħajsa għandha tiġi ddisinjata, skond il-kategorija tad-disinn, b'mod li jimminimiżża r-riskji ta' waqgħat minn fuq id-dgħajsa għal ġo l-ilma u li jiffaċilita t-tlugħ lura fuq id-dgħajsa.

2.4. **Il-viżibilità mill-pożizzjoni tat-tmexxija prinċipali**

Għad-dgħajjes bil-mutur, il-pożizzjoni tas-sewqan prinċipali għandha tagħti lill-operatur, taħt il-kondizzjonijiet ta' l-użu normali (ħeffa u tagħbija), viżibilità tajba dawra mejt.

2.5. **Il-manwal tas-sid**

Kull dgħajsa għandha tkun ipprovduta bil-manwal tas-sid fl-ilsien jew fl-ilsna uffiċjali tal-Komunità li jistgħu jiġu stabbiliti skond it-Trattat mill-Istat Membru li fih titqiegħed fis-suq. Dan il-manwal għandu jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għar-riskji tal-ħruq u li d-dgħajsa tista' tiġi mgħargħra bl-ilma u għandu jkollu t-tagħrif elenkat fit-taqsimiet 2.2, 3.6 u 4 kif ukoll il-piż f'kilogrammi tad-dgħajsa mingħajr it-tagħbija.

3. *SHUĦIJA U L-ĦTIĠIET STRUTTURALI*

3.1. **L-istruttura**

L-għażla u t-tagħqid u t-taħlit flimkien tal-materjali u l-binja tad-dgħajsa għandhom jiżguraw illi d-dgħajsa tkun b'saħħitha biżżejjed minn kull aspett. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-kategorija tad-disinn skond it-taqsima 1, u lit-taghbija massima rakkomandata mill-fabbrikant skond it-taqsima 3.6.

3.2. **L-istabbilità u s-soprastruttura u l-buq 'il fuq mill-ilma**

Id-dgħajsa għandha jkollha biżżejjed stabbilità u soprastruttura u buq 'il fuq mill-ilma meta tiġi kkunsidrata l-kategorija tad-disinn skond it-taqsima 1 u t-tagħbija massima rakkomandata mill-fabbrikant skond it-taqsima 3.6.

3.3. **Il-kapaċità li żżomm f'wiċċ l-ilma u t-tagħwim**

Id-dgħajsa għandha tiġi mibnija hekk illi jiġu żgurati l-karatteristiċi tal-kapaċità li żżomm f'wiċċ l-ilma skond il-kategorija tad-disinn tagħha skond it-taqsima 1.1, u t-tagħbija massima rakkomandata mill-fabbrikant skond it-taqsima 3.6. Kull dgħajsa abitabbli li jkollha aktar minn buq wieħed għandha tkun iddisinjata għalbiex ikollha biżżejjed tagħwim li tibqa' f'wiċċ l-ilma jekk tinqaleb.

Dgħajjes ta' inqas minn sitt metri fit-tul li għandhom it-tendenza li jitgħargħru meta użati fil-kategorija tad-disinn tagħhom għandhom ikunu pprovduti bil-mezzi xierqa ta' tagħwim meta jkunu mgħargħra.

▼B

3.4. **Il-fetħiet fil-buq, fil-gverta u fis-soprastruttura**

Fetħiet fil-buq, fil-gverta(iet) u fis-soprastruttura m'għandhomx itellfu mis-sħuħija strutturali tad-dgħajsa jew is-sħuħija tagħha kontra l-maltemp meta jiġu magħluqa.

It-twieqi, it-twieqi żgħar tal-ġenb, il-bibien u l-portelli tal-bokkaporti għandhom jifilħu l-pressjoni tal-ilma illi x'aktarx jagħmel magħhom fil-pożizzjoni speċifika tagħhom, kif ukoll piżijiet speċifiċi applikati bil-piż tal-persuni li jimxu fuq il-gverta.

Tagħmir fil-buq iddisinjat għalbiex iħalli l-ilma jgħaddi għal ġewwa l-buq jew joħroġ barra mill-buq, taħt il-linja fejn wicc l-ilma jmiss mal-ġenb tad-dgħajsa li tikkorrispondi mat-tagħbija massima rakkomandata mill-fabbrikant skond taqsima 3.6, għandu jkun mgħammar b'mezzi tal-għeluq illi jkunu aċċessibbli faċilment.

3.5. **L-għargħar**

Id-dgħajjes kollha għandhom jiġu ddisinjati b'mod li jimminimizza r-riskju ta' l-għarqa.

Attenzjoni partikolari għandha tingħata fejn xieraq:

— u x-xaftijiet, illi għandhom ikunu jitbattlu weħidhom jew ikollhom mezzi oħra li jżommu l-ilma barra mill-ġewwieni tad-dgħajsa,

— it-tagħmir tal-ventilazzjoni,

— it-tneħħija ta' l-ilma permezz ta' pompi jew mezzi oħra.

3.6. **It-tagħbija massima rakkomandata mill-fabbrikant**

Il-tagħbija massima rakkomandata mill-fabbrikant (karburanti, ilma, proviżjonijiet, apparat divers u nies (f'kilogrammi)) li għaliha tkun ġiet iddisinjata d-dgħajsa►**M1** ——————— ◄ għandha tiġi stabbilita skond il-kategorija tad-disinn (taqsima 1), l-istabbilità u s-soprastruttura u l-buq 'l fuq mill-ilma (taqsima 3.2) u l-kapaċità li żżomm fil-wiċċ u t-tagħwim (taqsima 3.3).

3.7. **L-istivar taċ-ċattra tas-salvataġġ**

Id-dgħajjes kollha tal-kategoriji A u B, u d-dgħajjes tal-kategoriji Ċ u D itwal minn sitt metri għandu jkollhom wieħed jew aktar postijiet għall-istivar ta' ċattra tas-salvataġġ (ċattri) kbira biżżejjed għalbiex tesa' n-numru ta' persuni rakkomandat mill-fabbrikant li d-dgħajsa tkun ġiet iddisinjata għalbiex ġġorr. Dan (dawn) il-post(ijiet) ta' l-istivar għandu(hom) jkun(u) dejjem aċċessibbli fil-pront.

3.8. **Ħelsien mill-periklu**

Kull-dgħajsa abitabbli ta' aktar minn buq wieħed li hija itwal minn 12-il metru għandu jkollha mezzi vijabbli tal-ħelsien mill-periklu fil-każ ta' qlib.

Kull dgħajsa abitabbli ta' aktar minn buq wieħed għandu jkollha mezzi vijabbli ta' ħelsien mill-periklu fil-każ ta' ħruq.

3.9. **L-ankrar, l-irmiġġ u l-irmunkar**

Kull dgħajsa, skond il-kategorija tad-disinn u l-karatteristiċi tagħha, għandha tkun mgħammra b'wieħed jew aktar punti b'saħħithom jew mezzi oħra li kapaċi jieħdu b'mod sigur il-piż ta' l-ankrar, ta' l-irmiġġ u ta' l-irmunkar.

4. *IL-KARATTERISTIĊI TA' L-IMMANIĠĠJAR*

Il-fabbrikant għandu jiżgura li l-karatterisiċi ta' l-immaniġġjar tad-dgħajsa jkunu sodisfaċenti fil-każ ta' l-aktar magna qawwija li għaliha d-dgħajsa tkun ġiet iddisinjata u mibnija. Għall-magni tal-baħar tar-rikreazzjoni kollha, il-qawwa massima stabbilita tal-magna għandha tiġi ddikjarata fil-manwal tas-sid skond l-istandard armonizzat.

5. *IL-ĦTIĠIET TA' L-INSTALLAZZJONI*

5.1. **Il-magni u l-spazji għall-magni**

5.1.1. *Il-magna fuq ġewwa*

Il-magni kollha mmuntati fuq ġewwa għandhom jitqiegħdu fi spazju magħluq separat mill-kwartieri tan-nies u installati b'mod illi jimminimizza r-riskju tal-ħruq jew tat-tifrix tan-nirien kif ukoll perikli minn dħaħen tossiċi, sħana, storbju jew vibrazzjonijiet fil-kwartieri fejn joqgħodu n-nies.

▼B

Il-partijiet tal-magna u l-aċċessorji li jeħtieġu spezzjoni frekwenti u/jew servizz sabiex jinzammu f'kondizzjoni tajba u jissewwew fejn hemm bżonn għandhom ikunu aċċessibbli bil-ħeffa.

Il-materjal ta' l-iżolazzjoni ġewwa l-spazji tal-magni għandu jkun li ma jieħux in-nar.

5.1.2. *Il-ventilazzjoni*

ll-kompartiment tal-magna għandu jkun ivventilat. Id-dħul perikoluż ta' l-ilma ġewwa l-kompartiment tal-magna minn kull ftuh m'għandux jitħalla.

5.1.3. *Il-partijiet esposti*

Sakemm il-magna ma tkunx protetta permezz ta' għata jew l-ispazju maghluq tagħha stess, il-partijiet esposti tal-magna li jiċċaqalqu jew li jkunu sħan li jistgħu jikkawżaw dannu personali għandhom jiġu protetti b'mod effettiv.

5.1.4. *It-tqabbid tal-magna li tkun fuq barra tad-dgħajsa*

Kull dgħajsa li jkollha magna fuq barra għandu jkollha apparat li ma jħallix il-magna taqbad meta tkun ingranata, ħlief:

(a) meta l-magna tipproduċi anqas minn 500 *newtons* (N) ta' *static thrust*;

(b) meta l-magna jkollha apparat li jillimita l-ftuħ tal-valvola li tikkontrolla l-ammont ta' karburanti li jidħol fil-magna sabiex jillimita l-imbottatura għal 500 N xħin il-magna tiġi mqabbda.

▼M1

5.1.5. *Dgħajjes personali li joperaw mingħajr sewwieq.*

Dgħajjes personali għandhom ikunu maħsuba jew bi qtugħ awtomatiku ta' magna jew b'apparat awtomatiku li jipprovdi moviment il quddiem b'veloċità mnaqqsa, ċirkolari meta s-sewwieq jinżel deliberatament jew jaqa' l-baħar.

▼B

5.2. **Is-sistema tal-karburanti**

5.2.1. *Ġenerali*

L-arranġamenti u l-installazzjonijiet għall-mili, il-ħażna, il-ventilazzjoni u l-provvista tal-karburanti għandhom ikunu ddisinjati u installati b'mod li jimminimizza r-riskju ta' ħruq u splużjoni.

▼M1

5.2.2. *Tankijiet tal-karburant*

Tankijiet tal-karburant, linji u manek għandhom jintrabtu u jiġu ssepparati jew protetti minn kwalunkwe fonti ta' sħana sinifikanti. Il-materjal li t-tankijiet huma magħmulin minnu u l-metodu tagħhom ta' kostruzzjoni għandu jkun skond il-kapaċità tagħhom u t-tip ta' karburant. L-ispazji kollha tat-tankijiet għandhom ikunu ventilati.

Il-karburant tal-petrol għandu jinżamm f'tankijiet li ma jiffurmawx parti mill-buq u huma:

(a) insulati mill-kompartiment tal-magna u minn kull fonti oħra ta' injezzjoni;

(b) separat minn kwartieri ta' l-għixien;

Karburant diżil jista' jinżamm f'tankijiet li huma integrali mal-buq.

▼B

5.3. **Is-sistema ta' l-elettriku**

Is-sistemi ta' l-elettriku għandhom ikunu ddisinjati u installati hekk illi jiżguraw l-operazzjoni kif suppost tad-dgħajsa taħt il-kondizzjonijiet normali ta' l-użu u għandhom jimminimizzaw ir-riskju ta' ħruq jew xokk elettriku.

Għandha tingħata attenzjoni lill-forniment tal-protezzjoni kontra t-tagħbija żejda u ċ-ċirkuwiti qosra fiċ-ċirkuwiti elettiriċi kollha li jistgħu jittieħdu minn batteriji, minbarra ċ-ċirkuwiti li jqabbdu l-magna.

Għandu jkun hemm ventilazzjoni sabiex ma jakkumulawx il-gassijiet li jistgħu joħorġu mill batteriji. Il-batteriji għandhom ikunu mwaħħla sod u protetti mid-dħul ta' l-ilma.

▼B

5.4. **Is-sistema ta' l-iggwidar**

5.4.1. *Ġenerali*

Is-sistemi ta' l-iggwidar għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u installati b'mod illi jippermettu t-trasmissjoni ta' l-i*steering loads* taħt il-kondizzjonijiet ta' l-operazzjoni li wieħed ikun jista' jbassar.

5.4.2. *L-arranġamenti ta' l-emerġenza*

Dgħajjes tal-qlugħ u dgħajjes b'mutur wieħed li jkun fuq ġewwa u b'sistema ta' kontroll mill-boghod tat-tmun għandhom ikollhom mezzi ta' emerġenza sabiex jiddirieġu d-dgħajsa b'ħeffa mnaqqsa.

5.5. **Is-sistema tal-gass**

Is-sistemi tal-gass għall-użu domestiku għandhom ikunu ta' l-għamla *vapour-withdrawal* u għandhom jiġu ddisinjati u installati hekk illi ma jkunx hemm tnixxija ta' gass u riskju ta' splużjoni u li jkunu jistgħu jiġu ttestjati għat-tnixxija. Il-materjali u l-komponenti għandhom ikunu adattati għall-gass speċifiku użat għalbiex ikunu jifilħu l-pressjonijiet u l-kondizzjonijiet li għalihom ikunu miftuħin fl-ambjent marittimu.

Kull apparat li jaħdem bil-gass għandu jkollu protezzjoni kontra t-tifi accidentali tal-fjamma li jaħdem fuq il-berners kollha. Kull apparat li jaħdem bil-gass għandu jkun provdut b'fergħa separata tas-sistema tad-distribuzzjoni, u kull apparat għandu jkun ikkontrollat b'sistema tal-għeluq separata. Għandu jkun hemm ventilazzjoni biżżejjed sabiex ma jkunx hemm perikli mit-tnixxija tal-gass u mill-prodotti ta' kombustjoni.

Id-dgħajjes kollha li jkollhom is-sistema tal-gass installata b'mod permanenti għandhom ikollhom spazju magħluq fejn jinżammu ċ-ċilindri tal-gass kollha. L-ispazju għandu jkun separat mill-kwartieri fejn joqgħodu n-nies, għandu jkun jiġi milhuq minn barra biss u jkun ivventilat lejn in-naħa ta' barra sabiex il-gass li jnixxi jista' jinżel barra mid-dgħajsa. Kull sistema permanenti tal-gass għandha tiġi ttestjata wara li tiġi installata.

5.6. **Il-protezzjoni mill-ħruq**

5.6.1. *Ġenerali*

It-tip ta' apparat illi jiġi installat u l-konfigurazzjoni tad-dgħajsa għandhom jikkunsidraw ir-riskju u t-tifrix tan-nar. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-inħawi madwar l-apparat li jkollu l-fjamma esposta, lil spazji sħan jew magni u magni awżiljarji, lit-tifwir taż-żejt u l-karburanti, lil pajpijiet taż-żejt u tal-karburanti mikxufa u li jiġi evitat li jitgħadda l-elettriku 'l fuq minn partijiet sħan tal-magni.

▼M1

5.6.2. *Tagħmir għat-tifi tan-nar*

Dgħajjes għandhom ikunu forniti b'tagħmir għat-tifi tan-nar approprjat għall-perikolu tan-nar, jew il-pożizzjoni u l-kapaċità ta' tagħmir għat-tifi tan-nar approprjat għall-perikolu tan-nar għandhom jiġu indikati. Id-dagħjsa m'għandhiex titqiegħed fis-servizz sakemm ma jkunx qiegħed fil-post it-tagħmir approprjat għat-tifi tan-nar. Egħluq ta' l-magni bil-petrol għandhom jiġu protetti b'sistema għat-tifi tan-nar li tevita l-bżonn li jinfetaħ il-post ta' l-egħluq fil-każ ta' nar. Meta mgħammra, *extinguishers* mobbli għandhom ikunu lesti u aċċessibbli u wieħed għandu jiġi pożizzjonat b'tali mod li jista' jintlaħaq faċilment mill-pożizzjoni ewlenija ta' tmexxija tad-dagħjsa.

▼B

5.7. **Id-dwal tan-navigazzjoni**

Fejn id-dwal tan-navigazzjoni jkunu mwaħħla, dawn għandhom ikunu konformi mal-Colreg 1972 jew ir-regolamenti CEVNI, skond kif ikun xieraq.

▼M1

5.8. **Il-prevenzjoni ta' l-iskarika u installazzjonijiet li jiffaċilitaw il-kunsinna fuq l-art ta' l-iskart**

Id-Dgħajjes għandhom jinbnew b'tali mod li jipprevjenu l-iskarika inċidentali ta' inkwinanti (żejt, karburant, eċċ.) għall-baħar.

Dgħajjes mgħammra b' *toilets* għandu jew ikollhom:

(a) tankijiet kontenituri, jew

(b) provviżjoni biex jitwaħħlu tankijiet kontenituri.

▼M1

Dgħajjes b'tankijiet kontenituri installati b'mod permanenti għandhom ikunu mgħammra b'konnessjoni *standard* ta' skarika sabiex il-pajpijiet tal-faċilitajiet ta' reċezzjoni ikunu jistgħu jitqabbdu mal-linja ta' l-iskarika tad-dagħjsa.

Barra minn dan, kwalunkwe pajpijiet għaddejjin mill-buq għal skart uman għandhom jitwaħħlu b'valvoli li huma kapaċi jitqiegħdu fil-pożizzjoni magħluqin.

B. **Ħtiġiet essenzjali għal emissjonijeit ta' spurgar minn magni tal-propulsjoni.**

Magni ta' propulsjoni għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet essenzjali li ġejjin għal emissjonijiet ta' l-ispurgar.

1. *L-identifikazzjoni tal-magna*

1.1. Kull magna għandha tiġi mmarkata b'mod ċar bl-informazzjoni li ġejja:

— it-*trademark* jew l-isem kummerċjali tal-fabbrikant tal-magna,

— it-tip ta' magna, il-familja tal-magna, jekk applikabbli,

— numru uniku ta' identifikazzjoni tal-magna,

— immarka KE, jekk meħtieġ taħt l-Artikolu 10.

1.2. Dawn il-marki għandhom jibqgħu għall-ħajja normali tal-magna u għandhom jinqraw b'mod ċar u ma jitħassrux. Jekk jintużaw tikketti jew pjanċi għandhom jitwaħħlu b'tali mod li t-twaħħil iservi għall-ħajja normali tal-magna, u t-tikketti/l-pjanċi ma jistgħux jitneħħew mingħajr ma jiġu distrutti jew jitħassrilhom il-wiċċ.

1.3. Dawn il-marki għandhom ikunu ma' parti tal-magna neċessarja għall-operazzjoni normali tal-magna u li normalment ma teħtieġx sostituzzjoni tul il-ħajja tal-magna.

1.4. Dawn il-marki għandhom jiġ allokati sabiex il-persuna medja tarhom mill-ewwel wara li l-magna tkun inbniet bil-komponenti kollha neċessarji għall-operazzjoni tal-magna.

2. *Ħtiġiet ta' emissjoni ta' l-ispurgar*

Magni ta' propulsjon għandhom jiġu ddiżinjati, jinbnew u jiġu assemblati sabiex meta installati b'mod korrett u f'użu normali, l-emissjonijiet m'għandhomx jeċċedu l-valuri limiti ottenuti mit-tabella li ġejja:

Tabella 1

(g/kWh)

Tip	Monossidu tal-Kubrit $CO = A + B/P_N^n$			Idrokarburi $CH = A + B/P_N^n$			Ossidi tan-Nitroġenu NO_X	Partikulati PT
	A	B	N	A	B	n		
Spark ignition b'żewġ ċikli	150,0	600,0	1,0	30,0	100,0	0,75	10,0	Mhux applikabbli
Spark ignition b' erba' ċikli	150,0	600,0	1,0	6,0	50,0	0,75	15,0	Mhux applikabbli
Compression ignition	5,0	0	0	1,5	2,0	0,5	9,8	1,0

Meta A, B u n huma kostanti skond it-tabella, P_N hija l-qawwa ta' rata tal-magna f'kW u l-emissjonijiet ta' l-ispurgar jitkejjlu skond l-*istandard* armonizzat [1].

Għal magni' l fuq minn 130 kW jew E3 (IMO) jew E5 (sajd dilettanti) ċikli utli jistgħu jintużaw.

Il-karburanti ta' referenza li għandhom jintużaw għat-test ta' emissjonijiet għal magni b'karburant ta' petrol u diżil għandhom ikunu kif speċifikati fid-Direttiva 98/69/KE (L-Anness IX, Tabelli 1 u 2), u għal dawk l-magni b'karburant ta' Gass Likwidu tal-*Petroleum* kif speċifikat fid-Direttiva 98/77/KE.

[1] EN ISO 8178-1: 1996.

▼M1

3. *Id-Durabilità*

Il-fabbrikant tal-magna għandu jforni installazzjoni tal-magna u istruzzjonijiet ta' manutenzjoni, li jekk applikati għandhom ifissru li l-magna f'użu normali tibqa' tikkonforma mal-limiti għolja tul il-ħajja normali tal-magna u taħt kondizzjonijiet normali ta' użu.

Din l-informazzjoni għandha tiġi ottenuta mill-fabbrikant tal-magna permezz ta' l-użu ta' testing preċedenti ta' reżistenza, ibbażat fuq ċikli normali ta' operazzjoni, u bil-kalkolu ta' l-ġhejja tal-komponent sabiex l-istruzzjonijiet neċessarji ta' manutenzjoni jistgħu jiġu ppreparati mill-fabbrikant u joħorġu ma' l-magni l-ġodda kollha meta l-ewwel imqiegħda fis-suq.

Il-ħajja normali tal-magna hija kkunsidrata li tfisser:

(a) magni abbord jew li jinsaqu mill-poppa bi spurgar integrali jew mingħajru: 480 siegħa jew 10 snin, kwalunkwe minn dawn iseħħ l-ewwel;

(b) magni ta' dgħajjes personali: 350 siegħa jew ħames snin, kwalunkwe minn dawn iseħħ l-ewwel;

(ċ) magni esterjuri: 350 siegħa jew 10 snin, kwalunkwe minn dawn iseħħ l-ewwel.

4. *Il-Librett tas-Sid*

Kull magna għandha tiġi pprovduta b'librett tas-sid fil-lingwa jew lingwi Komunitarji, li tista' tiġi determinata mill-Istat Membru li fih l-magna għandha titqiegħed fis-suq. Il-librett għandu:

(a) jipprovdi istruzzjonijiet għall-installazzjoni u l-manutenzjoni meħtieġa għall-assigurazzjoni tal-funzjonament sewwa tal-magna sabiex tissodisfa l-ħtiġiet tal-paragrafu 3, (Reżistenza);

(b) jispeċifika l-qawwa tal-magna meta mkejjla skond l-*istandard* armonizzat.

Ċ. **Ħtigiet essenzjali għal emissjonijeit ta' storbju.**

Dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni b'magni abbord jew li jinsaqu mill-poppa mingħajr spurgar integrali, dgħajjes personali u magni esterjuri u magni li jinsaqu mill-poppa bi spurgar integrali għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet essenzjali li ġejjin għal emissjonijiet ta' storbju.

1. *Livelli ta' emissjonijiet ta' storbju*

1.1. Dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni b'magni abbord jew li jinsaqu mill-poppa mingħajr spurgar integrali, dgħajjes personali u magni esterjuri u magni li jinsaqu mill-poppa bi spurgar integrali għandhom jiġu ddiżinjati, jinbnew u jiġu assemblati sabiex l-emissjonijiet ta' l-istorbju mkejjla skond it-testijiet definiti fl-*istandard* armonizzat [1] m'għandhomx jeċċedu l-valuri limiti fit-tabella li ġejja:

Tabella 2

Qawwa ta' magna wieħed F' kW	Il-Livell massimu tal-Pressjoni tal-Ħoss = LpASmax F' dB
$P_N \leq 10$	67
$10 < P_N \leq 40$	72
$P_N > 40$	75

Fejn PN = qawwa ta' rata ta' magna f' kW b'veloċità ta' rata u L_{pASmax} = livell tal-pressjoni massima tal-ħoss f' dB.

Għal unitajiet ta' magna doppju u magna multiplu tat-tipi kollha ta' magna tista' tiġi applikata *allowance* ta' 3 dB.

1.2. Bħala alternattiva għal testijiet tal-kejl tal-ħoss, dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni b'konfigurazzjoni abord tal-magna jew konfigurazzjoni ta' magna li tinsaq mill-poppa, mingħajr spurgar integrali, għandhom jitqiesu li jikkonformaw ma' dawn il-ħtiġiet ta' l-istorbju jekk għandhom numru Froude ta' < = 1,1 u proporzjon ta' spjazzament tal-qawwa ta' < = 40 u meta l-magna u s-sistema ta' apurgar huma installati skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-fabbrikant tal-magna.

[1] EN ISO 14509.

▼**M1**

1.3. ”In-Numru Froude” għandu jiġi kkalkulat billi l-veloċità massima tad-dagħjsa V (m/s) tinqasam bl-*isquare root* tat-tul tal-linja ta’ l-ilma lwl (m) multipplikat b’kostanti mogħtija ta’ gravità, (g = 9,8 m/s²)

$$Fn = \frac{V}{\sqrt{(g.\ Lwl)}}.$$

”Il-Proporzjon ta’ l-ispjazzament tal-qawwa” għandu jiġi kkalkulat billi l-qawwa tal-magna P (kW) tinqasam bl-ispjazzament tad-dagħjsa.

$$D\ (t) = \frac{P}{D}$$

1.4. Bħala alternattiva ulterjuri għal testijiet tal-kejl tal-ħoss, dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni b’konfigurazzjonijiet ta’ magna abbord jew li tinsaq mill-poppa mingħajr spurgar integrali, għandhom jitqiesu li jikkonformaw ma’ dawn il-ħtiġiet ta’ l-istorbju jekk il-parametri tad-diżinn kjavi tagħhom huma l-istess bħal jew kompatibbli ma’ dawk ta’ dagħjsa ċertifikata ta’ referenza għal tolleranzi speċifikati fl-*istandard* armonizzat.

1.5. ”Dagħjsa ċertifikata ta’ referenza” għandha tfisser kombinazzjoni speċifika ta’ magna fil-buq/abbord jew magna li tinsaq mill-poppa mingħajr spurgar integrali li nstab li jikkonforma mal-ħtiġiet ta’ emissjoni tal-ħoss, meta mkejjel skond is-sezzjoni 1.1, u li għalih il-parameti prinċipali approprjati kollha tad-diżinn u l-kejl tal-livell tal-ħoss ġew inklużi sussegwentement fil-lista ppubblikata ta’ dgħajjes ċertifikati ta’ referenza.

2. *Il-Librett tas-sid*

Għal dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni b’magna abbord jew magni li jinsaqu mill-poppa bi spurgar integrali jew mingħajru u dgħajjes personali, il-librett tas-sid meħtieġ taħt l-Anness I. A. Sezzjoni 2.5, għandu jinkludi informazzjoni neċessarja sabiex id-dagħjsa u s-sistema ta’ spurgar jinżammu f’kondizzjoni li, sa fejn hi prattikabbli, tassigura konformità mal-valuri limiti speċifikati ta’ storbju meta f’użu normali.

Għal magni esterjuri, il-librett tas-sid meħtieġ taħt l-Anness I. B.4 għandu jipprovdi istruzzjonijiet neċessarji sabiex il-magna esterjuri tinżamm f’kondizzjoni, li sa fejn hi prattikabbli, tassigura konformità mal-valuri limiti speċifikati ta’ l-isotrbju meta f’użu normali.

▼**B**

L-ANNESS II

IL-KOMPONENTI

1. It-tagħmir għal magni li jkunu fuq ġewwa u magni fil-poppa li jkollhom protezzjoni kontra t-tqabbid aċċidentali.
2. L-apparat li jipproteġi l-magni li jkunu fuq barra milli jitqabbdu jew meta jitqabbdu meta jkunu ingranati.
3. Ir-roti ta' l-*isteering*, il-mekkaniżmi ta' l-**isteering** u l-*cable assemblies*.

▼**M1**

4. Tankijiet tal-karburant maħsuba għal installazzjonijiet fissi u manek tal-karburant.

▼**B**

5. Il-bokkaporti prefabbrikati u t-twieqi żgħar tal-ġenb.

▼B

L-ANNESS III

ID-DIKJARAZZJONI MILL-BENNEJ JEW IR-RAPPREŻENTANT AWTORIZZAT TIEGĦU STABBILIT FIL-KOMUNITÀ JEW IL-PERSUNA RESPONSABBLI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

(L-Artikolu 4(2) u (3))

(a) Id-dikjarazzjoni mill-bennej jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità msemmija fl-Artikolu 4(2) (dgħajsa parzjalment lesta) għandha tinkludi dan li ġej:

— l-isem u l-indirizz tal-bennej,

— l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-bennej stabbilit fil-Komunità jew, jekk applikabbli, il-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq,

— id-deskrizzjoni tad-dgħajsa parzjalment lesta,

— id-dikjarazzjoni li d-dgħajsa parzjalment lesta hi maħsuba li titlesta minn oħrajn u li tikkonforma mal-ħtiġiet essenzjali li japplikaw f'dan l-istadju tal-kostruzzjoni.

(b) Id-dikjarazzjoni mill-bennej, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità jew il-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq imsemmija fl-Artikolu 4(3) (komponenti) għandha tinkludi dan li ġej:

— l-isem u l-indirizz tal-bennej,

— l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-bennej stabbilit fil-Komunità jew, jekk applikabbli, il-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq,

— id-deskrizzjoni tal-komponent,

— id-dikjarazzjoni li l-komponent jikkonforma mal-ħtiġiet essenzjali relevanti.

▼B

L-ANNESS IV

MARKA CE

Il-marka tal-konformità CE għandha tikkonsisti fl-inizjali ”CE” li jieħdu l-għamla li ġejja:



Jekk il-marka tiġi mċekkna jew imkabbra, il-proporzjonijiet mogħtija fit-tpinġija hawn fuq immarkata b’diviżjonijiet regolari għandhom jinżammu.

Id-diversi elementi tal-marka CE għandu jkollhom ftit jew wisq l-istess qies vertikali, li m’għandux ikun inqas minn 5 mm.

Il-marka CE tiġi segwita bin-numru ta’ l-identifikazzjoni tal-korp innotifikat jekk dan jidħol fil-kontroll tal-produzzjoni.

▼B

L-ANNESS V

IL-KONTROLL INTERN TAL- PRODUZZJONI

(module A)

1. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità, li jaqdi l-obbligi stabbiliti fil-punt 2, jiżgura u jiddikjara li l-prodotti interessati jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità għandu jwaħħal il-marka CE fuq kull prodott u jfassal dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub (ara l-Anness XV).

2. Il-fabbrikant għandu jistabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika deskritta fil-paragrafu 3 u hu jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità għandhom iżommuha għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali relevanti għal skopijiet ta' spezzjoni għal perijodu li jintemm mill-inqas 10 snin wara li l-aħħar prodott ikun ġie ffabbrikat.

   Fejn la l-fabbrikant u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkunu stabbiliti ġewwa l-Komunità, l-obbligu li tinżamm disponibbli d-dokumentazzjoni teknika għandha tkun ir-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq tal-Komunità.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tagħmel possibbli l-konformità tal-prodotti mal-ħtiġiet tad-Direttiva li jkunu ser jiġu stmati. Għandha, safejn ikun relevanti għal dik l-istima, tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-operazzjoni tal-prodott (ara l-Anness XIII).

4. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità mad-dokumentazzjoni teknika.

5. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-proċess tal-fabbrikazzjoni jiżgura l-konformità tal-prodotti fabbrikati mad-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 2 u mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom.

▼M1

L-ANNESS VI

IL-KONTROLL INTERN TAL-PRODUZZJONI KIF UKOLL TESTIJIET

(Modulu Aa, l-għażla 1)

Dan il-modulu jikkonsisti f'modulu A, kif imsemmi fl-Anness V, kif ukoll il-ħtiġiet supplimentari li ġejjin:

A. **Id-Diżinn u l-kostruzzjoni**

Fuq dagħjsa waħda jew diversi dgħajjes li jirrappreżentaw il-produzzjoni tal-fabbrikant test wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin, kalkolu ekwivalenti jew kontroll għandhom jitwettqu mill-fabbrikant għan-nom tiegħu:

(a) test ta' stabbiltà skond is-sezzjoni 3.2 tal-Ħtiġiet Essenzjali (L-Anness IA);

(b) test tal-karatteristiċi tal-kapaċità li tibqa' f'wiċċ l-ilma skond is-sezzjoni 3.3 tal-Ħtiġiet Essenzjali (L-Anness IA).

Dispożizzjonijiet komuni għaż-żewġ varjazzjonijiet:

Dawn it-testijiet jew kalkoli jew kontroll għandhom jitwettqu taħt ir-responsabbiltà ta' korp notifikat magħżul mill-fabbrikant.

B. **Emissjonijiet ta' l-istorbju**

Għal dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni mgħammra b'magni abbord jew li jinsaqu mill-poppa mingħajr spurgar integrali u għal dgħajjes personali:

Fuq dagħjsa waħda jew diversi dgħajjes li jirrappreżentaw il-produzzjoni tal-fabbrikant tad-dagħjsa, it-testijiet ta' emissjoni tal-ħoss definiti fl-Anness I.Ċ għandhom jitwettqu mill-fabbrikant tad-dgħajjes, jew għan-nom tiegħu, taħt ir-responsabbiltà ta' korp notifikat magħżul mill-fabbrikant.

Għal magni esterjuri u magni li jinsaqu mill-poppa bi spurgar integrali:

Fuq magna wieħed jew diversi magni ta' kull familja ta' magna li tirrappreżenta l-produzzjoni tal-fabbrikant tal-magna, it-testijiet ta' emissjoni tal-ħoss definiti fl-Anness I.Ċ għandhom jitwettqu mill-fabbrikant tal-magna, jew għan-nom tiegħu, taħt ir-responsabbiltà ta' korp notifikat magħżul mill-fabbrikant.

Meta iktar minn magna waħda ta' familja tal-magna tiġi ttestjata, il-metodu statistiku deskritt fl-Anness XVII għandu jiġi applikat sabiex tiġi assigurata konformità tal-kampjun.

▼B

L-ANNESS VII

L-EŻAMI TAT-TIP TAL-CE

(modulu B)

1. Il-korp innotifikat jaċċerta u jiddikjara li kampjun li jirrappreżenta l-produzzjoni maħsuba jissodisfa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li japplikaw għalih.

2. L-applikazzjoni għall-eżami tat-tip tal-CE għandha ssir mill-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità lil korp innotifikat illi jagħżel hu.

   L-applikazzjoni għandha tinkludi:

   — l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant u, jekk l-applikazzjoni ssir mir-rappreżentant awtorizzat, l-isem u l-indirizz tiegħu wkoll,

   — dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma tkunx ġiet magħmula lil xi korp innotifikat ieħor,

   — id-dokumentazzjoni teknika, deskritta fil-punt 3.

   L-applikant għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp innotifikat kampjun li jirrappreżenta l-produzzjoni maħsuba u li aktar 'il quddiem jissejjaħ "it-tip" (*).

   Il-korp innotifikat jista' jitlob aktar kampjuni jekk ikunu meħtieġa sabiex iwettaq il-programm tat-testjar.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha taghmel possibbli l-konformità tal-prodott mal-ħtiġiet tad-Direttiva li jkunu ser jiġu stmati. Għandha, safejn ikun relevanti għal dik l-istima, tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-funzjoni tal-prodott (ara l-Anness XIII).

4. Il-korp innotifikat għandu:

4.1. jeżamina d-dokumentazzjoni teknika, jivverifika li t-tip ikun ġie ffabbrikat b'konformità mad-dokumentazzjoni teknika u jidentifika l-elementi li jkunu ġew iddisinjati skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-istandards imsemmija fl-Artikolu 5, kif ukoll il-komponenti li jkunu ġew ddisinjati mingħajr ma ġew applikati d-dispożizzjonijiet relevanti ta' dawk l-istandards;

4.2. jagħmel jew ikun għamel l-eżamijiet applikabbli u t-testijiet meħtieġa sabiex jivverifika illi, fejn l-istandards imsemmija fl-Artikolu 5 ma jkunux ġew applikati, is-soluzzjonijiet adottati mill-fabbrikant ikunu jilħqu l-Ħtiġiet Essenzjali tad-Direttiva;

4.3. jagħmel jew ikun għamel l-eżamijiet applikabbli u t-testijiet meħtieġa sabiex jivverifika illi, fejn il-fabbrikant ikun għażel li japplika l-istandards relevanti, dawn ikunu ġew applikati tassew;

4.4. jaqbel ma' l-applikant dwar il-lok fejn l-eżamijiet u t-testijiet meħtieġa għandhom isiru.

5. Fejn it-tip ikun jissodisfa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-CE lill-applikant. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant, il-konklużjonijiet ta' l-eżami, il-kondizzjonijiet għall-validità tiegħu u l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat.

   Lista tal-partijiet relevanti tad-dokumentazzjoni teknika għandha tiġi annessa maċ-ċertifikat u għandha tinżamm kopja mill-korp innotifikat.

   Jekk il-fabbrikant jiġi miċħud iċ-ċertifikat tat-tip, il-korp innotifikat għandu jipprovdi raġunijiet dettaljati għal din iċ-ċaħda.

6. L-applikant għandu jinforma lill-korp innotifikat illi jżomm id-dokumentazzjoni teknika dwar iċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-CE b'kull modifika lill-prodott approvat li għandha tirċievi approvazzjoni addizzjonali fejn din il-bidla tista' taffettwa l-konformità mal-ħtiġiet essenzjali jew il-kondizzjonijiet preskritti għall-użu tal-prodott. Din l-approvazzjoni addizzjonali tiġi mogħtija f'forma ta' żjieda maċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-CE.

7. Kull korp innotifikat għandu jikkomunika lill-korpi nnotifikati l-oħra l-informazzjoni relevanti dwar iċ-ċertifikati ta' l-eżami tat-tip tal-CE u ż-żjidiet maħruġa u irtirati.

(*) It-tip jista' jkopri diversi verżjonijiet tal-prodott sakemm id-differenzi bejn il-verżjonijiet ma jaffettwawx il-livell tas-sigurtà u l-ħtiġiet l-oħra dwar il-funzjonalità tal-prodott.

▼**B**

8. Il-korpi nnotifikati l-oħra jistgħu jirċievu kopji taċ-ċertifikati ta' l-eżami tat-tip tal-CE u/jew iż-żjidiet magħhom. L-annessi għaċ-ċertifikati għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-korpi nnotifikati l-oħra.

9. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom iżomm mad-dokumentazzjoni teknika kopji taċ-ċertifikati ta' l-eżami tat-tip tal-CE u ż-żjidiet magħhom għal perijodu li jintemm mill-inqas 10 snin wara li l-aħħar prodott ikun ġie ffabbrikat.

   Fejn la l-fabbrikant u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkunu stabbiliti ġewwa l-Komunità, l-obbligu li tinżamm disponibbli d-dokumentazzjoni teknika għandha tkun ir-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq tal-Komunità.

▼B

L-ANNESS VIII

KONFORMITÀ MAT-TIP

(modulu Ċ)

1. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jiżgura u jiddikjara li l-prodotti interessati huma konformi mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-CE u jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka CE fuq kull prodott u jfassal dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub (ara l-Anness XV).

2. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li l-proċess tal-fabbrikazzjoni jiżgura l-konformità tal-prodotti fabbrikati mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-CE u mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom.

3. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità għal perijodu li jintemm mill-inqas 10 snin wara li l-aħħar prodott ikun ġie ffabbrikat.

   Fejn la l-fabbrikant u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkunu stabbiliti ġewwa l-Komunità, l-obbligu li tinżamm disponibbli d-dokumentazzjoni teknika għandha tkun ir-responsabbilta tal-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq tal-Komunità (ara l-Anness XIII).

▼M1

4. Fir-rigward ta' l-istima ta' konformità mal-ħtiġiet ta' emissjoni ta' spurgar ta' din id-Direttiva u jekk il-fabbrikant ma jkunx qiegħed jaħdem taħt is-sistema rilevanti ta' kwalità kif deskritt fl-Anness XII, korp notifikat magħżul mill-fabbrikant jista' jwettaq jew ikun wettaq kontrolli tal-prodott f'intervalli saltwarji. Meta l-livell ta' kwalità jidher insoddisfaċenti jew meta jidher neċessarju li tiġi verifikata l-validità tad-*data* ppreżentata mill-fabbrikant, il-proċedura li ġejja għandha tintuża:

   Tittieħed magna minn serje u tiġi soġġetta għat-test deskritt fl-Anness. Magni tat-test għandhom ikunu l-ewwel intużaw, parzjalment jew kompletament, skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-fabbrikant. Jekk l-emssjonijiet speċifiċi ta' l-ispurgar tal-magna meħuda mis-serje jeċċedu l-valuri limiti skond l-Anness I. B, il-fabbrikant jista' jitlob li jsir kejl fuq kampjun ta' magni meħuda mis-serje u inkluż l-magna oriġinarjament meħuda. Sabiex tiġi assigurata konformità tal-kampjun ta' l-magni definiti fuq mal-ħtiġiet tad-Direttiva, il-metodu statistiku deskritt fl-Anness XVII għandu jiġi applikat.

▼B

L-ANNESS IX

L-ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-PRODUZZJONI

(modulu D)

1. Il-fabbrikant li jissodisfa l-obbligi tal-punt 2 jiżgura u jiddikjara li l-prodotti interessati huma konformi mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-CE u jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità għandhom iwaħħlu l-marka CE fuq kull prodott u jagħmlu dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub (ara l-Anness XV). Il-marka CE għandha tkun akkumpanjata bin-numru distintiv tal-korp innotifikat responsabbli għall-monitorjar kif speċifikat fil-punt 4.

2. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema approvata tal-kwalità għall-produzzjoni, għall-ispezzjoni finali tal-prodott u għat-testjar kif speċifikat fil-paragrafu 3 u għandu jkun soġġett għall-monitorjar kif speċifikat fil-punt 4.

3. **Is-sistema tal-kwalità**

3.1. Il-fabbrikant għandu jagħmel applikazzjoni għal stima tas-sistema tal-kwalità tiegħu għall-prodotti interessati lil korp innotifikat li jagħżel hu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— l-informazzjoni kollha relevanti għall-kategorija maħsuba tal-prodott,

— id-dokumentazzjoni dwar is-sistema tal-kwalità,

— fejn xieraq, id-dokumentazzjoni teknika tat-tip approvat (ara l-Anness XIII) u kopja taċ-ċertifikat ta' l-ispezzjoni tat-tip tal-CE.

3.2. Is-sistema tal-kwalità għandha tiżgura l-konformità tal-prodotti mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-CE u mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom.

L-elementi kollha, il-ħtiġiet u d-dispożizzjonijiet adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fl-għamla ta' politika miktuba, proċeduri u istruzzjonijiet. Id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità għandha tippermetti l-interpretazzjoni konsistenti tal-programmi tal-kwalità, il-pjan, il-manwali u r-reġistri.

Għandha tinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni adegwata ta':

— l-oġġettivi tal-kwalità u l-istruttura ta' l-organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet u l-poteri ta' min imexxi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-prodott,

— il-metodi, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi li jkunu ser jiġu użati fil-fabbrikazzjoni, fil-kontroll tal-kwalità u fl-assigurazzjoni tal-kwalità,

— l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom isiru qabel, matul u wara l-fabbrikazzjoni, u l-frekwenza li biha dawn isiru,

— ir-reġistri tal-kwalità, bħal mhuma rapporti ta' spezzjonijiet u informazzjoni fuq testijiet, informazzjoni dwar il-kalibrar, rapporti tal-kwalifikazzjoni tal-persunal interessat, eċċ.,

— il-mezzi sabiex jiġi monitorjat il-proċess tal-kisba tal-kwalità meħtieġa tal-prodott u l-operazzjoni effettiva tas-sistema tal-kwalità.

3.3. Il-korp innotifikat għandu jistma s-sistema tal-kwalità sabiex jistabilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija fil-punt 3.2. Għandu jippresumi l-konformità ma' dawn il-ħtiġiet tas-sistemi tal-kwalità li jimplimentaw l-istandard armonizzat relevanti.

It-tim tal-verifika għandu jinkludi mill-inqas membru wieħed b'esperjenza fl-istima fit-teknoloġija tal-prodotti interessati. Il-proċedura ta' l-istima għandha tinkludi viżta ta' spezzjoni fl-istabbiliment tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi innotifikata lill-fabbrikant. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni raġunata ta' l-istima.

3.4. Il-fabbrikant għandu jimpenja ruħu li josserva l-obbligi li joriginaw mis-sistema tal-kwalità kif approvata u li jgħin għalbiex din tibqa' adegwata u effiċjenti.

Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jżommu infurmat lill-korp innotifikat li jkun approva s-sistema tal-kwalità b'kull aġġornament maħsub tas-sistema tal-kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jistma l-modifiki proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema tal-kwalità emendata tibqax tissodisfa l-ħtiġiet imsemmija fil-paragrafu 3.2 jew jekk tkunx meħtieġa stima mill-ġdid.

▼B

Għandu jinnotifika d-deċiżjonijiet tiegħu lill-fabbrikant. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni raġunata ta' l-istima.

4. **Is-sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat**

4.1. L-iskop tas-sorveljanza hu li jiġi żgurat illi l-fabbrikant josserva b'mod korrett l-obbligi li joriginaw mis-sistema tal-kwalità approvata.

4.2. Il-fabbrikant għandu jippermetti lill-korp innotifikat id-dħul għal skopijiet ta' spezzjoni fil-postijiet tal-fabbrikazzjoni, ta' l-spezzjoni u t-testjar, u tal-ħażna u għandu jipprovdih bl-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità,

— ir-reġistri tal-kwalita, bħal ma huma rapporti ta' spezzjonijiet u informazzjoni dwar testijiet, informazzjoni dwar il-kalibrar, rapporti tal-kwalifikazzjoni tal-persunal interessat, eċċ.,

4.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel verifika kull tant żmien sabiex jiżgura li l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport tal-verifika.

4.4. Barra minn hekk il-korp innotifikat jista' jagħmel viżti mhux mistennija lill-fabbrikant. Matul dawn il-viżti l-korp innotifikat jista', jekk ikun meħtieġ, jagħmel, jew jordna li jsiru, testijiet sabiex jivverifika li s-sistema tal-kwalità tkun qed taħdem kif suppost. Il-korp innotifikat għandu jipprovdi lill-fabbrikant rapport tal-viżta u, jekk ikun sar test, b'rapport dwar it-test.

5. Il-fabbrikant għandu, għal perijodu li jintemm mill-inqas 10 snin wara li l-aħħar prodott ikun ġie ffabbrikat, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:

— id-dokumentazzjoni imsemmija fit-tieni inċiż tat-tieni subparagrafu tal-punt 3.1,

— l-aġġornament imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-punt 3.4,

— id-deċiżjoni u r-rapporti mill-korp innotifikat imsemmija fl-aħħar subparagrafu tal-punt 3.4, il-punt 4.3 u l-punt 4.4.

6. Kull korp innotifikat għandu jagħti lill-korpi nnotifikati l-oħra l-informazzjoni relevanti dwar is-sistemi approvati tal-kwalità maħruġa u rtirati.

▼B

L-ANNESS X

IL-VERIFIKA TAL-PRODOTT

(modulu F)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jiċċekkjaw u jiddikjaraw li l-prodotti bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-punt 3 huma konformi mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-CE u jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom.

2. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li l-proċess tal-fabbrikazzjoni jiżgura l-konformità tal-prodotti mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-CE u mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità għandhom iwaħħlu l-marka CE fuq kull prodott u jfasslu dikjarazzjoni tal-konformità (ara l-Anness XV).

3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel l-ezamijiet u t-testijiet xierqa sabiex jivverifika l-konformità tal-prodott mal-ħtiġiet tad-Direttiva permezz ta' l-eżaminazzjoni u t-testjar ta' kull prodott speċifikati fil-punt 4 jew permezz ta' l-ispezzjonar u t-testjar tal-prodotti fuq il-bażi ta' l-istatistika, speċifikati fil-punt 5, skond l-għażla tal-fabbrikant.

3a. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità għal perijodu li jintemm mill-inqas 10 snin wara li l-aħħar prodott ikun ġie ffabbrikat.

4. **Il-verifika permezz ta' l-eżaminazzjoni u t-testjar ta' kull prodott**

4.1. Il-prodotti kollha għandhom jiġu spezzjonati wieħed wieħed u għandhom isiru t-testijiet xierqa stabbiliti fl-istandard(s) relevanti imsemmi(ija) fl-Artikolu 5 jew testijiet ekwivalenti sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-CE u l-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom.

4.2. Il-korp innotifikat għandu jwaħħal, jew jordna li jiġi mwaħħal, in-numru distintiv tiegħu fuq kull prodott approvat u jfassal ċertifikat tal-konformità bil-miktub dwar it-testijiet magħmula.

4.3. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jiżguraw illi jkunu jistgħu jipprovdu ċ-ċertifikati tal-konformità tal-korp innotifikat fejn mitluba.

5. **Il-verifika fuq il-bażi ta' l-istatistika**

5.1. Il-fabbrikant għandu jippreżenta l-prodotti tiegħu bħala lottijiet omoġenji u għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-proċess tal-fabbrikazzjoni jiżgura l-omoġeneità ta' kull lott li jiġi prodott.

5.2. Il-prodotti kollha għandhom ikunu disponibbli għall-verifika fil-forma ta' lottijiet omoġenji. Għandu jintgħażel kampjun minn kull lott fuq bażi ta' inzertaturi. Il-prodotti fil-kampjun għandhom jiġu spezzjonati wieħed wieħed u t-testijiet xierqa stabbiliti fl-istandard(s) relevanti imsemmi(ija) fl-Artikolu 5, jew testijiet ekwivalenti, għandhom isiru sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom u sabiex jiġi stabbilit jekk il-lott għandux jiġi aċċettat jew irroftat.

5.3. Il-proċedura ta' l-istatistika għandha tuża l-elementi li ġejjin:

— il-metodu ta' l-istatistika li għandu jintuża,

— il-pjan ta' l-għażla tal-kampjuni bil-karatteristiċi ta' l-operat tiegħu.

▼M1

Għall-istima ta' konformità mal-ħtiġiet ta' emissjoni ta' spurgar, il-proċedura definita fl-Anness XVII għandha tiġi applikata.

▼B

5.4. Fil-każ tal-lottijiet aċċettati, il-korp innotifikat għandu jwaħħal, jew jordna li jiġi mwaħħal, in-numru distintiv tiegħu fuq kull prodott u jfassal ċertifikat tal-konformità bil-miktub dwar it-testijiet magħmula. Il-prodotti kollha fil-lott jistgħu jitqegħdu fis-suq minbarra dawk il-prodotti mill-kampjun illi jinstabu li ma jikkonformawx.

Jekk xi lott ma jiġix aċċettat, il-korp innotifikat jew l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex ma jħallux il-lott jitqiegħed fis-suq. Fil-każ ta' l-irroftar frekwenti tal-lottijiet il-korp innotifikat jista' jissospendi l-verifika fuq il-bażi ta' l-istatistika.

▼**B**

Il-fabbrikant jista', taħt ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat, iwaħħal in-numru distintiv ta' dan ta' l-aħħar waqt il-proċess tal-fabbrikazzjoni.

5.5. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jiżgura li jkun jista' jipprovdi ċ-ċertifikati tal-konformità tal-korp innotifikat fejn jiġi mitlub.

▼B

L-ANNESS XI

IL-VERIFIKA TAL-PRODOTT

(modulu G)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li biha l-fabbrikant jiżgura u jiddikjara li l-prodott interessat, illi jkun inħariġlu ċ-ċertifikat imsemmi fil-punt 2, jikkonforma mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalih. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità għandhom iwaħħlu l-marka CE fuq il-prodott u jfasslu dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub (ara l-Anness XV).

2. Il-korp innotifikat għandu jeżamina l-prodott individwali u jagħmel it-testijiet xierqa stabbiliti fl-istandard(s) relevanti imsemmi(ija) fl-Artikolu 5, jew testijiet ekwivalenti, sabiex jiżgura l-konformità mal-ħtiġiet relevanti tad-Direttiva.

   Il-korp innotifikat għandu jwaħħal, jew jordna li jiġi mwaħħal, in-numru distintiv tiegħu fuq kull prodott approvat u jfassal ċertifikat tal-konformità dwar it-testijiet magħmula.

3. L-għan tad-dokumentazzjoni teknika hu li tagħmel possibbli l-konformità mal-ħtiġiet tad-Direttiva li jkunu se jiġu stmati u li d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-operazzjoni tal-prodott jiġu mifhuma (ara l-Anness XIII).

▼B

L-ANNESS XII

L-ASSIGURAZZJONI SHIHA TAL-KWALITÀ

(modulu H)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li biha l-fabbrikant illi jissodisfa l-obbligi tal-paragrafu 2 jiżgura u jiddikjara li l-prodotti interessati jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità għandhom iwaħħlu l-marka CE fuq kull prodott u jfasslu dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub (ara l-Anness XV). Il-marka CE għandha tkun akkumpanjata bin-numru distintiv tal-korp innotifikat responsabbli għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.

2. Il-fabbrikant għandu jopera sistema tal-kwalità approvata għad-disinn, il-fabbrikar u l-ispezzjoni tal-prodott finali u t-testjar kif speċifikat fil-punt 3 u għandu jkun soġġett għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.

3. **Is-sistema tal-kwalità**

3.1. Il-fabbrikant għandu jagħmel applikazzjoni lil korp innotifikat għal stima tas-sistema tal-kwalità tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— l-informazzjoni relevanti kollha għall-kategorija maħsuba tal-prodott,

— id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità.

3.2. Is-sistema tal-kwalità għandha tiżgura l-konformità tal-prodotti mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihom.

L-elementi kollha, l-ħtiġiet u dispożizzjonijiet adottati mill-fabbrikant għandhom jiġu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fl-għamla ta' politika miktuba, proċeduri u istruzzjonijiet. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità għandha tiżgura ftehim komuni tal-politika u l-proċeduri tal-kwalità bħal ma huma programmi, pjanijiet, manwali u reġistri tal-kwalità.

Għandha tinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni adegwata ta':

— l-oġġettivi tal-kwalità u l-istruttura ta' l-organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet u l-poteri ta' min imexxi għal dak dak li għandu x'jaqsam mad-disinn u l-kwalità tal-prodott,

— l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-disinn, inklużi l-istandards, li ser jiġu applikati u, fejn l-istandards imsemmija fl-Artikolu 5 ma jiġux applikati kollha, il-mezzi li ser jiġu użati sabiex jiġi żgurat illi l-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva li japplikaw għall-prodotti jiġu osservati,

— it-teknika tal-kontroll tad-disinn u tal-verifika tad-disinn, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi relevanti fil-kategorija tal-prodott koperta li ser jiġu użati meta jiġu ddisinjati l-prodotti,

— it-teknika tal-fabbrikazzjoni, tal-kontroll tal-kwalità u ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi korrispondenti li jkunu ser jiġu użati,

— l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom isiru qabel, matul u wara l-fabbrikazzjoni, u l-frekwenza li biha dawn għandhom isiru,

— ir-reġistri tal-kwalità, bħal ma huma rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni fuq testijiet, informazzjoni dwar il-kalibrar, rapporti tal-kwalifikazzjoni tal-persunal interessat, eċċ.,

— il-mezzi sabiex jiġi monitorjat il-proċess tal-kisba tal-kwalità meħtieġa tad-disinn u tal-prodott u l-operazzjoni effettiva tas-sistema tal-kwalità.

3.3. Il-korp innotifikat għandu jistma s-sistema tal-kwalità sabiex jistabilixxi jekk tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija fil-punt 3.2. Għandu jippresumi l-konformità ma' dawn il-ħtiġiet fil-każ tas-sistemi tal-kwalità li jimplimentaw l-istandard armonizzat relevanti (EN 29001).

It-tim tal-verifika għandu jinkludi mill-inqas membru wieħed b'esperjenza fl-istima fit-teknoloġija tal-prodotti interessati. Il-proċedura ta' l-istima għandha tinkludi viżta ta' stima fl-istabbiliment tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi innotifikata lill-fabbrikant. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni raġunata ta' l-istima.

3.4. Il-fabbrikant għandu jimpenja ruħu li josserva l-obbligi li joriġinaw mis-sistema tal-kwalità approvata u li jara li din tibqa' adegwata u effiċjenti.

▼B

Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jżomm infurmat lill-korp innotifikat li jkun approva s-sistema tal-kwalita b'kull aġġornament maħsub tas-sistema tal-kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jistma l-modifiki proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema tal-kwalità emendata tibqax tissodisfa l-ħtiġiet imsemmija fil-paragrafu 3.2 jew jekk tkunx meħtieġa stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-fabbrikant. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni raġunata ta' l-istima.

4. **Is-sorveljanza tal-KE taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat**

4.1. L-iskop tas-sorveljanza hu li jiġi żgurat illi l-fabbrikant josserva b'mod korrett l-obbligazzi li joriġinaw mis-sistema tal-kwalità approvata.

4.2. Il-fabbrikant għandu jippermetti lill-korp innotifikat dħul għal skopijiet ta' spezzjoni fil-postijiet tad-disinn, tal-fabbrikar, ta' l-ispezzjoni u t-testjar, u tal-ħażna, u għandu jipprovdih bl-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità,

— ir-reġistri tal-kwalità previsti mill-parti tad-disinn tas-sistema tal-kwalità, bħalma huma r-riżultati ta' analiżijiet, il-kalkoli, it-testijiet, eċċ.,

— ir-reġistri tal-kwalità kif maħsuba mill-parti tal-fabbrikar tas-sistema tal-kwalità, bħalma huma rapporti ta' spezzjonijiet u informazzjoni fuq testijiet, informazzjoni fuq il-kalibrar, rapporti tal-kwalifikazzjoni tal-persunal interessat, eċċ.

4.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel verifiki kull tant żmien sabiex jiżgura li l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport tal-verifika.

4.4. Barra minn hekk il-korp inotifikat jista' jagħmel viżti mhux mistennija għand il-fabbrikant. Waqt dawn il-viżti, il-korp innotifikat jista' jagħmel testijiet jew jordna li dawn isiru sabiex jivverifika l-funzjoni korretta tas-sistema tal-kwalità fejn meħtieġ; għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport tal-viżta u, jekk ikun sar xi test, b'rapport tat-test.

5. Il-fabbrikant għandu, għal perijodu li jintemm mill-inqas 10 snin wara li l-aħħar prodott ikun ġie ffabbrikat, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:

— id-dokumentazzjoni imsemmija fit-tieni inċiż tat-tieni subparagrafu tal-punt 3.1,

— l-aġġornament imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-punt 3.4,

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti tal-korp innotifikat imsemmija fl-aħħar subparagrafu tal-punt 3.4, il-punt 4.3 u l-punt 4.4.

6. Kull korp innotifikat għandu jagħti lill-korpi nnotifikati l-oħra l-informazzjoni relevanti dwar l-approvazzjonijiet tas-sistemi tal-kwalità maħruġa u rtirati.

▼**M1**

L-ANNESS XIII

DOKUMENTAZZJONI TEKNIKA FORNITA MILL-FABBRIKANT

Id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Annessi V, VII, VIII, IX, XI u XVI għandha tinkludi d-*data* kollha jew il-mezzi kollha wżatu mill-fabbrikant sabiex jassigura li l-komponenti jew id-dgħajjes jikkonformaw mal-ħtiġiet essenzjali li jirrelataw għalihom.

Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti li jinftiehem id-diżinn, il-fabbrikazzjoni u l-operazzjoni tal-prodott, u għandha tippermetti stima ta' konformità mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

Id-dokumentazzjoni għandha tikkontjeni sa fejn rilevanti għall-istima:

(a) deskrizzjoni ġenerali tat-tip,

(b) id-diżinn tal-kunċett u t-tpinġijiet tal-fabbrikazzjoni u l-iskemi tal-komponenti, sub-assemblaġġi, ċirkwiti, eċċ.,

(ċ) deskrissjonijiet u spjegazzjonijeit neċessarji għall-ftehim tat-tpinġijiet u ta' l-iskemi msemmija u l-operazzjoni tal-prodott,

(d) lista ta' l-*istandards* imsemmija fl-Artikolu 5, applikati kompletament jew in parti, u deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet essenzjali meta l-*istandards* imsemmija fl-Artikolu 5 ma jkunux ġew applikati,

(e) rriżultati ta' kalkoli ta' diżinni magħmula, eżamijiet imwettqa, eċċ.,

(f) rapporti tat-test, jew kalkoli l-iktar dwar l-istabbilità skond is-sezzjoni 3.2 tal-Ħtiġiet Essenzjali u dwar il-kapaċità li jibqgħu f'wiċċ l-ilma skond is-sezzjoni 3.3 tagħhom (l-Anness I. A),

(g) rapporti tat-test dwar emissjonijiet ta' l-ispurgar li juru konformità mas-sezzjoni 2 tal-Ħtiġiet Essenzjali (L-Anness I. B),

(h) rapporti tat-test dwar emissjonijiet tal-ħoss jew *data* ta' referenza tad-dagħjsa li turi konformità mas-sezzjoni 1 tal-Ħtiġiet Essenzjali (Annex I.Ċ).

▼B

L-ANNESS XIV

IL-KRITERJI MINIMI LI GĦANDHOM JIĠU KKUNSIDRATI MILL-ISTATI MEMBRI GĦAN-NOTIFIKA TAL-KORPI

▼M1

1. Il-korp, id-direttur tiegħu u l-personal responsabbli għat-twettieq tat-testijiet tal-verifika m'għandhomx ikunu d-diżinjatur, il-fabbrikant, il-fornitur jew l-installatur tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 li huma jispezzjonaw, lanqas ir-rappreżentant awtorizzat ta' kwalunkwe minn dawn il-partijiet. M'għandhomx jiġu involuti direttament jew bħala rappreżentanti awtorizzati fid-diżinn, il-kostruzzjoni, it-tqegħid fis-suq jew il-manutenzjoni tal-prodotti msemmija. Dan ma jipprekludix il-possibiltà ta' skambji ta' informazzjoni teknika bejn il-fabbrikant u l-korp.

1a. Korp notifikat għandu jkun indipendenti u m'għandux jiġi kkontrollat mill-fabbrikanti jew mill-forituri.

▼B

2. Il-korp u l-istaff tiegħu għandhom jagħmlu t-testijiet tal-verifika bl-ogħla grad ta' integrità professjonali u kompetenza teknika u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u persważjoni, b'mod partikolari finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultat ta' l-ispezzjoni, b'mod speċjali minn persuni jew gruppi ta' persuni b'xi interess fir-riżultat tal-verifiki.

3. Il-korp għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-istaff meħtieġ u jkollu l-faċilitajiet meħtieġa li jippermettulu li jwettaq kif suppost ix-xogħolijiet amministrattivi u tekniċi konnessi mal-verifika; għandu wkoll ikollu aċċess għall-apparat meħtieġ għal verifiki speċjali.

4. L-istaff responsabbli għall-ispezzjoni għandu jkollu:

— taħriġ tekniku u professjonali sod,

— għarfien sodisfaċenti tal-ħtiġiet tat-testijiet li huma jagħmlu u esperjenza biżżejjed ta' dawn it-testijiet,

— il-kapaċità li jagħmlu ċ-ċertifikati, ir-reġistri u r-rapporti meħtieġa sabiex jawtentikaw it-twettiq tat-testijiet.

5. L-imparzjalità ta' l-istaff ta' l-ispezzjoni għandha tkun garantita. Il-ħlas tagħhom m'għandhux jiddependi min-numru ta' testijiet magħmula jew fuq ir-riżultati ta' dawn it-testijiet.

6. Il-korp għandu johroġ polza ta' l-assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltà tiegħu għat-testijiet sakemm ir-responsabbiltà tiegħu ma' tiġix merfugħa mill-Istat taħt il-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għat-testijiet.

7. L-impjegati tal-korp għandhom jiġu obbligati josservaw is-segretezza professjonali dwar l-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-kompiti tagħhom (minbarra *vis-a-vis* l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tal-Istat li fih l-attivitajiet tiegħu isiru) skond id-Direttiva jew kull dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tqiegħda fis-seħħ.

▼M1

L-ANNESS XV

DIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ BIL-MIKTUB

1. Id-dikjarazzjoni miktuba ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandha dejjem tkun:

   (a) mad-dagħjsa ta' rikreazzjoni u mad-dagħjsa personali u għandha tiġi inkluża mal-librett tas-sid (L-AnnessI. A sezzjoni 2.5),

   (b) il-komponenti, kif imsemmija fl-Anness II,

   (ċ) magni ta' propulsjoni u għandhom jiġu inklużi mal-librett tas-sid (L-Anness I. B.4).

2. Id-dikjarazzjoni bil-miktub ta' konformità għandha tinkludi dan li ġej ([1]):

   (a) l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità ([2]),

   (b) deskrizzjoni tal-prodott definit fil-punt 1 ([3]),

   (ċ) referenzi għall-istandards rilevanti armonizzati wżati, jew referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet li fir-rigward tagħhom hija dikjarata konformità,

   (d) meta approprjat, ir-referenzi għal Direttivi Komunitarji oħra applikati,

   (e) meta approprjat, referenza għaċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip KE maħruġ minn korp notifikat,

   (f) meta approprjat, l-isem u l-indirizz tal-korp notifikat,

   (g) identifikazzjoni tal-persuna mogħtija s-setgħa tiffirma għan-nom tal-fabbrikant jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità.

3. Fir-rigward ta':

   — magni abbord u magni ta' propulsjoni misjuqa mill-poppa mingħajr spurgar integrali,

   — magni approvati skond it-tip skond id-Direttiva 97/68/KE li huma in konformità ma' l-istadju II previst fis-sezzjoni 4.2.3 ta' l-Anness I tad-Direttiva ta' l-aħħar u,

   — magni approvati skond it-tip skond id-Direttiva 88/77/KEE,

   id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tinkludi b'żieda ma' l-informazzjoni tal-punt 2, dikjarazzjoni tal-fabbrikant li l-magna tissodisfa l-ħtiġiet ta' l-emissjoni ta' l-ispurgar ta' din id-Direttiva, meta installata fuq dagħjsa ta' rikreazzjoni, skond l-istruzzjonijiet forniti tal-fabbrikant u li din il-magna ma tistax titqiegħed fis-servizz sakemm id-dagħjsa ta' rikreazzjoni li fiha għandha tiġi installata ma tkunx ġiet dikjarata konformi, jekk meħtieġ hekk, mad-dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva.

([1]) Għandhom jitfasslu fil-lingwa(i) kif previst taħt is-sezzjoni 2.5 ta' l-Anness I. A.
([2]) L-isem kummerċjali u l-indirizz sħiħ; ir-rappreżentant awtorizzat għandu wkoll jagħti l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-fabbrikant.
([3]) Deskrizzjoni tat-tip ta' prodott, tat-tip, tan-numru tas-serje, meta approprjat.

▼M1

L-ANNESS XVI

ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-PRODOTT

(modulu E)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha l-fabbrikant li jissodisfa l-obbligi tal-punt 2 jassigura u jiddikjara li l-prodotti kkonċernati huma in konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip KE u jissodisfa l-ħtiġet tad-direttiva li japplikaw għalihom. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għanu jwaħħal il-marka KE ma' kull prodott u jfassal dikjarazzjoni bil-miktub ta' konformità. Il-marka KE għandu jkollha magħha is-simbolu ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat responsabbli għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.

2. Il-fabbrikant għandu jopera sistema approvata ta' kwalità għal ispezzjoni tal-prodott finali u *testing* kif speċifikat fil-punt 3 u għandu jkun soġġett għal sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.

3. Sistema ta' kwalità

3.1. Il-fabbrikant għandu jalloġġa applikazzjoni għal stima tas-sistema tiegħu ta' kwalità għall-prodotti kkonċernati, ma' korp notifikat ta' l-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— l-informazzjoni kollha rilevanti għal-kategorija tal-prodott maħsub,

— id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità,

— jekk applikabbli, id-dokumentazzjoni teknika tat-tip approvat u kopja taċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip KE.

3.2. Taħt is-sistema ta' kwalità, kull prodott għandu jiġi eżaminat u jitwettqu testijiet approprjati kif stabbiliti fl-istandard's rilevanti msemmija fl-Artikolu 5 jew testijiet ekwivalenti għandhom jitwettqu sabiex tiġi assigurata l-konformità tagħha mal-ħtiġiet rilevanti tad-direttiva. L-elementi, l-ħtiġiet u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-fabbrikant għandhom jiġu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' politiki, proċeduri u istruzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tassigura fehma komuni tal-programmi ta' kwalità, tal-pjanijiet, tal-libretti u tar-reġistri.

Għandu jikkontjeni b'mod partikolari deskrizzjoni adegwata ta':

— l-miri ta' kwalità u l-istruttura ta' l-organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet u l-poteri ta' l-amministrazzjoni fir-rigward tal-kwalità tal-prodott,

— l-eżamijiet u t-testijiet li jitwettqu wara l-fabbrikazzjoni,

— il-mezzi għall-monitoraġġ ta' l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità,

— reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' ispezzjoni u *data* tat-test, *data* ta' kalibrazzjoni, rapporti ta' kwalifika tal-personal ikkonċernat, eċċ.

3.3. Il-korp notifikat għandu jistma s-sistema ta' kwalità sabiex jiddetermina jekk tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija fil-punt 3.2.

Jipprezumi konformità ma' dawn il-ħtiġiet fir-rigward ta' sistemi ta' kwalità li jimplimentaw l-*istandard* rilevanti armonizzat.

It-tim ta' verifika għandu jkollu mill-inqas membru wieħed esperjenzat bħala stimatur fit-teknoloġija tal-prodott ikkonċernat. Il-proċedura ta' l-istima għandha tinkludi żjara ta' stima fil-post tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-fabbrikant. In-notifika għandha tikkontjeni l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni raġunata ta' l-istima.

3.4. Il-fabbrikant għandu jieħu fuqu li jissodisfa l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema ta' kwalità kif approvata u li jżommha b'mod approprjat u effiċjenti.

Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jżomm lill-korp notifikat li approva s-sistema ta' kwalità infurmat bi kwalunkwe aġġornament intiż tas-sistema tal-kwalità.

Il-korp notifikat għandu jivvaluta l-modifiki proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema modifikata ta' kwalità tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija fil-punt 3.2 jew jekk hijiex meħtieġa stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-fabbrikant, In-notifika għandha tikkontjeni l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni stmata raġjunata.

4. Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat

▼**M1**

4.1. L-iskop tas-sorveljanza hu li jassigura li l-fabbrikant jissodisfa kif dovut l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema approvata ta' kwalità.

4.2. Il-fabbrikant għandu jippermetti lill-korp notifikat dħul għal skopijiet t'a ispezzjoni fil-postijiet ta' ispezzjoni, testing u rfigħ u għandu jipprovdih bl-informazzjoni kollha neċessarja, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità,

— id-dokumentazzjoni teknika,

— ir-reġistri ta' kwalità, bhal rapporti ta' ispezzjoni u *data* tat-test, *data* ta' kalibrazzjoni, rapporti ta' kwalifika tal-personal ikkonċernat, eċċ.

4.3. Il-korp notifikat għandu jwettaq perjodikament verifiki sabiex jassigura li l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u għandu jipprovdi rapport ta' verifika lill-fabbrikant.

4.4. B'żieda, il-korp notifikat jista' jagħmel viżti mhux mistennija lill-fabbrikant. Fil-ħin ta' dawn il-viżti, il-korp notifikat jista' jwettaq testijiet jew jaċċerta ruħu li jitwettqu sabiex jiġi kkontrollat il-funzjonament sewwa tas-sistema ta' kwalità meta neċessarju; għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport taż-żjara u, jekk ikun twettaq test, b' rapport tat-test.

5. Il-fabbrikant għandu, għal perjodu li jispiċċa mill-inqas 10 snin wara li l-aħħar prodott ġie ffabrikat, iżomm għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:

— id-dokumentazzjoni msemmija fit-tielet inċiż tat-tieni subparagrafu tal-punt 3.1,

— l-aġġornament imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-punt 3.4,

— id-deċiżjonijiet u rapporti mill-korp notifikat li huma msemmija fis-subparagrafu finali tal-punt 3.4, il-punti 4.3 u 4.4.

6. Kull korp notifikat għandu jgħaddi lill-korpi l-oħra notifikati l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità maħruġa u rtirati.

▼**M1**

L-ANNESS XVII

KONFORMITÀ TA' STIMA TA' PRODUZZJONI GĦAL EMISSJONIJEIT TA' SPURGAR U STORBJU

1. Għall-verifika tal-konformità ta' familja ta' magna, kampjun ta' magni jittieħed mis-serje. Il-fabbrikant għandu jiddeċiedi dwar id-daqs(n) tal-kampjun, bi ftehim mal-korp notifikat.

2. Il-medja aritmetika X tar-riżultati ottenuti mill-kampjun għandha tiġi kkalkolata għal kull komponent regolat ta' l-emissjoni ta' spurgar u storbju. Il-produzzjoni tas-serje għandha titqies li tikkonforma mal-ħtiġiet (*pass decision*) jekk tiġi sodisfatta l-kondizzjoni li ġejja:

   $X + K.\ S \leq = L$

   S hija d-devjazzjoni *standard*, fejn:

   $S^2 = \sum (x - X)^2/(n - 1)$

   X = il-medja aritmetika tar-riżultati

   x = ir-riżultati individwali tal-kampjun

   L = il-valur limitu approprjat

   n = in-numru ta' magni fil-kampjun

   k = fattur statistiku dipendenti fuq n (ara t-tabella)

n	2	3	4	5	6	7	8	9	10
k	0,973	0,613	0,489	0,421	0,376	0,342	0,317	0,296	0,279
n	11	12	13	14	15	16	17	18	19
k	0,265	0,253	0,242	0,233	0,224	0,216	0,210	0,203	0,198

   Jekk $n \geq 20$ imbagħad $k = 0{,}860/\sqrt{n}$